Ġunju 2012 • Vol 19 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Vetturi u Apparat Ġdid għall-Korp tal-Pulizija
- Cyber Crime: Computer Misuse
- Preparazzjoni għall-Qorti

u aktar...

*Newspaper Post*

Ġunju 2012 • Vol 19 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




**Qoxra:** Cyber Crime
**Ritratt:** Mark Zammit


7


11


31


54

5 Editorjal

7 Vetturi u apparat ġdid għall-Korp tal-Pulizija

11 Preparazzjoni għall-Qorti

17 Il-ħidma tkompli ...

21 Il-fastidju

23 Cyber Crime: Computer Misuse

27 Ftuħ tal-wirja tal-mejda tal-appostli

31 Żjara mill-Onorevoli Prim Ministru

33 Mixja mas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija

36 Attivitajiet b'rabta ma' Jum il-Pulizija - 2012

38 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

41 Is-Segway Patrollers

46 Is-Surġent-Maġġur 1219 Carmel Zammit
– 43 sena servizz fil-Korp tal-Pulizija

49 Evalwazzjoni mix-Schengen tal-fruntieri tal-ajru
Frar 2012

51 Bike Rides organizzati mis-Sezzjoni Sport

53 L-immaniġġjar tal-Isplużiv

54 Is-Salib u n-Nies tad-Dejma

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

# Editorjal

F'Lulju se nkunu qed infakkru l-198 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. F'dan iż-żmien jiġu organizzati diversi attitvitajiet bħal open days, parata, kunċerti, displays u attivitajiet oħra biex niċċelebraw dan il-jum.

Dawn l-attivitajiet jinħtieġu ħafna ħsieb, ħin u preparamenti biex dak li jkun jara li l-affarijiet jimxu sew u forsi ssir xi ħaġa ġdida li ma saritx qabel. Il-pubbliku jidher li japprezza dawn l-attivitajiet u jattendi bi ħġaru għax forsi jħoss lill-Korp tal-Pulizija aktar miftuħ u qrib tiegħu.

Iżda għalija, jien li qed inservi llum f'dan il-Korp li twaqqaf 198 sena ilu, x'sens għandha din il-ġurnata? F'dawn il-jiem nemmen li ma nagħmlux ħażin jekk nagħmlu daqxejn ta' "eżami tal-kuxjenza" biex naħsbu u niftakru għalfejn għażilna li nkunu parti minn dan il-Korp tal-Pulizija; jekk għadniex leali lejn il-ġurament tal-ħatra li nkunu tassew fidili u leali lejn il-poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha u li naqdu fedelment l-imsemmija Repubblika matul is-servizz tagħna fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta; bħala uffiċjali tal-Pulizija, li noqgħodu taħt kull kodiċi, att, ordinanza, ordni u regolament li għandu x'jaqsam mal-Korp li hemm fis-seħħ jew li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu fis-seħħ u li naqdu d-dmirijiet kollha ta' Uffiċjal tal-Pulizija skond il-liġi, mingħajr biża' jew favuri, ġibda jew mibegħda.

Aktar 'il fuq għamilt enfasi fuq il-kelma "inservi"; il-kelma 'servizz' nuzawha ta' spiss, iżda ninsew jew ma tantx naħsbu fuq is-sinjifikat tagħha fl-ambitu tax-xogħol tagħna: li tkun ta' servizz għal dawk ta' madwarek, anke jekk ma taqbilx magħhom, li tara li l-liġijiet jiġu osservati, li tgħin biex issir ġustizzja – li tkun hemm għal ħaddieħor. Wara li rekluta tal-Korp ikun għadda mill-akkademja u jibda jservi f'xi waħda mid-diversi taqsimiet tal-Korp u jibda jgerbeb iż-żmien, wieħed jista' faċilment jinsa' l-għan ewlieni li qegħdin fil-Korp – jiġifieri dak li nkunu ta' servizz għas-soċjeta` Maltija.

Dan jista' jiġri għal diversi raġunijiet: ir-rutina, il-frustrazzjoni, xi esperjenza negattiva jew ħwejjeġ oħra li jnessulna dan il-għan prinċipali ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija – ta' dawk li servew qabilna, tagħna llum u ta' dawk li jiġu warajna.

Għalhekk f'dawn l-attivitajiet f'Jum il-Pulizija ejjew intennu l-ġurament li ħadna u nġeddu dik il-ħeġġa li bdejna biha biex inkunu ta' servizz għas-soċjeta` Maltija kollha mingħajr ebda distinzjoni.

Advert

# Vetturi u Apparat Ġdid għall-Korp tal-Pulizija

minn WPS 101 Roberta Grima - CMRU




*"Forza tal-ordni għandha tkun mgħammra sew sabiex tiġġieled il-kriminalita"*

- Onor. Dr Carm Mifsud Bonnici



F'diskors quddiem diversi uffiċjali tal-Pulizija u membri tal-midja nhar il-11 ta' Mejju 2012, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo u l-Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari, Dr Carm Mifsud Bonnici ġew inawgurati 42 vettura, żewġ *dinghies* u apparat ġdid ieħor sabiex tissaħħaħ il-flotta tal-vetturi tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Il-vetturi kollha ġew imbierka mill-Kappillan tal-Korp Fr Raymond Bonnici OFMCap.

Dawn il-vetturi jikkonsistu f'22 Ford Focus saloon sabiex inbiddlu l-vetturi preċedenti użati mill-Mobile Squad. Il-mudell ta' dan il-Focus għandu magna 1.6hp u hu mgħammar b'*beacon lights,* sirena, radju Kenwood (dual band – digital VHF) sabiex issir komunikazzjoni nterna, GPS u aċċessorji oħra. Dawn il-vetturi nxtraw minn fondi tal-Gvern ċentrali.

Fattur li jiddistingwi din il-flotta l-ġdida ta' vetturi huwa l-kulur silver metallic minflok il-kulur tradizzjonali abjad, li ġie magħżul bir-raġuni li jkunu distinti mill-vetturi l-oħra tal-Korp. Sabiex dawn il-vetturi jkunu aktar viżibbli, fuqhom tqegħdu wkoll *stickers* li jirriflettu f'dawl baxx.










Tnax-il vettura oħra tat-tip Ford Focus saloon ukoll ġew miżjuda man-numru ta' vetturi li għandu l-Korp. Dawn ukoll huma mgħammrin b'dawl għal emerġenzi, sireni, radju Kenwood u GPS. Dawn il-vetturi huma mmirati għal xogħol mis-sezzjonijiet speċjalizzati u nxtraw bħala parti minn fondi tal-U.E.

Trakk Iveco u Landrover 110 armati b'*generator* ġew mixtrijin ukoll sabiex jixegħlu *tower light.* It-trakk għandu fanali għoljin 13-il metru u jdawwal medda t'art t'aktar minn 150 metru. Dan it-trakk huwa maħsub li jintuża waqt xogħol polizjesk matul il-lejl u f'investigazzjonijiet oħra fejn ikun seħħ każ jew inċident u s-sit ma jkunx imdawwal.

Vetturi oħra li nxtraw huma żewġ vannijiet tat-tip Ford Transit panel van li nxtraw biex jintużaw mis-sezzjonijiet speċjalizzati għall-ġarr ta' apparat, erba' Landrovers; tnejn minnhom *long wheel base,* u żewġ dgħajjes tat-tip RIB (Rigid Inflatable Boat). Dawn huma mgħammra b'GPS, *search light* u apparat ieħor.

It-trakkijiet *generators,* il-Landrovers, il-vannijiet u d-dgħajjes ġew kollha mixtrija minn fondi ko-finanzjati tal-U.E. (External Border Fund).

B'diskors qasir u dirett, il-Kummissarju tal-Pulizija fetaħ din iċ-ċerimonja fejn qal li dawn il-vetturi setgħu jinxtraw biss sforz il-ħidma u x-xogħol li sar bejn il-Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari u l-Korp tal-Pulizija. Is-Sur Rizzo saħaq kif il-Korp tal-Pulizija qed jiġi attrezzat aħjar peress li x-xogħol tal-Korp ma jistax jieqaf, huwa xogħol li jsir f'silenzju imma jsir il-ħin kollu. Huwa rringrazzja kemm personalment kif ukoll f'isem il-Korp lill-Ispettur Anthony Agius inkarigat mill-MT Garage, 'l-Ispettur Geoffrey Azzopardi mill-*Ispecial Branch* u lis-Sur Publius Agius mid-Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni fi ħdan id-Dipartiment tal-Pulizija ta, hid-








miethom sa biex dan l-apparat seta jiġi Malta.

F'diskors qasir, il-ministru Dr Carm Mifsud Bonnici qal kif forza tal-ordni għandha tkun mgħammra sew sabiex tiġġieled il-kriminalita` biex f'pajjiżna jkun hawn sens ta' paċi pubblika u ordni.

Dawn il-vetturi ġew imbierka minn Fr Ray Bonnici – Kappillan tal-Pulizija.

roberta.a.grima@gov.mt



# Preparazzjoni għall-Qorti

Mill-Assistent Kummissarju Dr Antoine Casha - *Protective Services*
(Ritratt PC 256 Kurt Bugeja Coster)

Marbut mad-dover ġenerali tal-Pulizija li jinvestigaw ir-reati li jsiru w jiġbru l-provi neċessarji, hemm id-dover ukoll tal-Pulizija li jagħti x-xhieda tiegħu meta tkun meħtieġa dwar xi każ li jkun investiga jew b'xi mod ieħor ikun involut fl-investigazzjoni li wasslet biex persuna tressqet quddiem il-Qorti.

Nemmen li kull membru tal-Korp japprezza li x-xhieda tagħhom meta mitluba tista` tkun kruċjali biex issir ġustizzja skond il-liġi. Għalhekk f'dawn is-sitwazzjonijiet wieħed irid juri b'mod ċar il-professjonalita` u l-kredibilita` tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda. Iżda meta titla` tixhed, mhux il-professjonalita` u l-kredibilita` tiegħek biss ikun hemm fin-nofs – iżda dik tal-Korp ukoll.

Dawk il-membri tal-Korp li jkunu msejħa biex jagħtu x-xhieda tagħhom għandhom jistennew li d-difiża tal-imputat/akkużat tagħmel mistoqsijiet b'mod rigoruż, anke` xi kultant aggressiv; dan jista` jwassal biex l-integrita` u l-onesta` tal-Pulizija stess tiżżeffen fin-nofs. Allegazzjonijiet da parti tad-difiża li l-affarijiet ma sarux kif suppost jew li misshom saru aħjar jistgħu jagħtu l-impressjoni lill-Pulizija li jkun qed jixhed li hu, jew il-Korp tal-Pulizija kollu, hu l-akkużat f'dawk il-proċeduri u mhux il-persuna li hemm fl-iżbarra. Dan hu parti mix-xogħol tal-avukat difensur.

Għalhekk, membru tal-Korp li jitla' jixhed u ma jkunx ippreparat sew, jista` jkun ta' detriment, mhux biss għalih innifsu, iżda wkoll għall-Korp tal-Pulizija u għas-sistema ġudizzjarja in ġenerali.

**Għalfejn tiela' l-Qorti?**

Huwa importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh l-iskop u r-rwol tiegħu meta jissejjaħ biex jitla` jixhed fi proċeduri kriminali. Int qiegħed hemm sabiex bix-xhieda tiegħek tgħin lill-Qorti tasal għall-ġudizzju jew deċizjoni fuq il-provi li jinstemgħu quddiemha.

Huwa r-rwol tal-prosekutur, u mhux tiegħek, li jipprova jotjeni ħtija skond il-liġi. Imbagħad sta għall-ġudikant (Maġistrat, Imħallef jew ġurija, li jiddeċiedi fuq il-ħtija jew l-innoċenza tal-akkużat fuq il-provi mressqa quddiem il-Qorti, inkluż ix-xhieda tiegħek.



Lir-rwol tiegħek bħala uffiċjal tal-pulizija hu li tgħin lil min għandu jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ jasal għall-deċiżjoni billi tispjega b'onesta` u b'imparzjalita`, b'mod ċar u konċiż, dak li rajt, smajt, innotajt jew għamilt fil-każ inkwistjoni.

Mhux mistenni minnek li tagħti opinjonijiet: għal dak il-għan hemm l-esperti tal-Qorti. L-unika ħaġa li tistenna minnek il-Qorti hu li tgħid il-verita`, kif tafa int, b'mod kompetenti u komplet (sħiħ).

**X'tistenna fl-Awla bħala xhud?**

Bħala regola ġenerali tistenna li tgħaddi minn tliet stadji:-

(a) L-eżami (examination-in-chief): f'dan l-istadju jsirulek domandi minn min ikun sejjaħlek bħala xhud (normalment mill-prosekuzzjoni), sabiex dan isaħħaħ il-każ tiegħu, jew idgħajjef il-każ tal-parti l-oħra, jew biex isaħħaħ jew jimmina s-saħħa jew il-kredibilita` ta' xi prova oħra – f'dan il-waqt ma jistgħux isiru domandi diretti lix-xhud;

(b) Il-kontro-eżami (cross-examination): wara li jkun tlesta l-eżami li semmejna qabel, ix-xhud jistgħu jsirulu domandi mill-parti opposta biex iwaqqa' l-każ tal-parti l-oħra, jew isaħħaħ il-każ tiegħu stess, jew jattakka l-kredibilita` ta' dak il-persuna li jkun għadu kif xehed jew xi xhud ieħor - f'dan l-istadju jistgħu jsiru domandi diretti u b'mod aktar wiesgħa li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kredibilita` tax-xhud (tiegħek stess);

(ċ) Ri-eżami: il-parti li sejħitlek bħala xhud tista` terġa tagħmillek xi domandi sabiex tiċċara xi punt li jkun

ħareġ waqt il-kontro-eżami.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Qorti (l-Imħallef jew il-Maġistrat), tista` wkoll tagħmel xi domandi lix-xhud li jidrilha xierqa. Jista` jagħti l-każ ukoll li tissejjaħ bħala xhud mid-difiża.

**Kun Preparat**

Parti essenzjali biex tixhed b'mod professjonali hu li tkun ippreparat minn qabel.

Trid tapprezza li l-preparazzjoni tiegħek biex titla` tixhed ma tibdiex xi ftit minuti qabel ma' filfatt se tixhed. Il-preparazzjoni tiegħek biex eventwalment titla` tixhed tibda minn dakinhar li int kellek sehem f'xi ħidma partikolari li tista` twassal li xi persuna titressaq il-Qorti – bħal meta mort fuq il-post ta' xi serqa, ġlieda jew inċident ieħor wara li sarlek xi rapport jew ġejt mibgħut mill-*Control Room;* jew assistejt f'xi arrest jew *search;* jew kont *observation;* jew ħarrikt li xi persuna.

Trid iżomm f'moħħok li mhux bilfors se tixhed fuq il-każ wara xi ġimgħa jew xahar. Ġieli jgħaddu x-xhur jew aktar qabel ma tissejjaħ biex titla` tixhed. Għalhekk, dik l-informazzjoni li tkun ħadt nota tagħha dak in-nhar tal-inċident trid tkun ċara u konċiża għax għada pitgħada, fuq dak li niżżilt dak in-nhar se tixhed. Għalhekk in-notamenti tiegħek iridu jkunu ċari biex tkun tista` tiftakar sew u tixhed b'mod konvinċenti u sħiħ. Ftakar li dak li tgħid (jew dak li ma tgħidx), jista` jkun suġġett għal skrutinju fil-kontro eżami.

Għalhekk ipprepara sewwa: ma tantx tagħti impressjoni tajba jekk ma tkunx ippreparat tajjeb meta titla` tixhed u b'hekk tista` ttellef mill-valur u l-kredibilita` tax-xiehda tiegħek minn min għandu jiġġudika l-fatti: il-Qorti.

Tajjeb li wieħed jiftakar f'dak li hemm maħsub fl-Artiklu 637 tal-Kodiċi Kriminali fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar il-kredibilita` o meno ta' xhud:-

*"jittieħed qies ta' l-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

**Qabel ma titla' l-Qorti**

Kun żgur li int familjari mal-każ. Dan hu aktar importanti meta l-każ li fuqu tiela' tixhed ikun ilu li ġara, jew ikun każ ikkumplikat iżjed minn oħrajn. Mhux mistenni minnek li tiftakar kollox bl-amment; għalhekk tajjeb li tiffriska l-memorja tiegħek b'notamenti ta' dak li għamilt, rajt u smajt dakinhar tal-inċident.

F'dan l-istadju tidħol l-importanza tan-notamenti tiegħek li tniżżel dakinhar stess jew immedjatament wara. Mhux li tniżżel dak li qallek sieħbek x'ġara jew tikkopja x'hemm mniżżel fil-PIRS. Għandek tkun taf li l-liġi tippermetti li xhud jiffriska l-memorja tiegħu, iżda f'dak il-każ il-kitba għandha tiġi esibita u tista` taraha d-difiża. (Artiklu 538, Kapitlu 12). Jekk meta titla' tixhed taqbad u taqra mill-ewwel minn noti tiegħek, tista` tagħti impressjoni negattiva fis-sens li tagħti l-impressjoni li ma tiftakkar xejn mill-każ u għalhekk, il-valur tax-xhieda tiegħek jista` tonqos sew.

Dakinhar li tiela' tixhed: kun fil-ħin u liebes xieraq. Fuq din il-materja tista' tagħmel referenza għaċ-ċirkolarijiet maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali, 1/97, 104/02 u oħrajn. Kun *smart* bl-uniformi w uri li int kburi li membru tal-Korp.

**Fuq il-pedana tax-xhieda**

Kif semmejna qabel, l-imġieba tiegħek fuq il-pedana tax-xhieda hija importanti għax taffetwa l-kredibilita` tax-xhieda tiegħek u għalhekk tista` taffetwa l-andament tal-kawża għalhekk:-

**Kun kunfidenti:**

Wieġeb u tkellem b'leħen sod u ċar. Toqgħodx tiċċassa jew tipprova tevita li twieġeb xi domanda. Oqgħod dritt fuq il-pedana tax-xhieda u tintelaqx. Meta tkun fuq il-pedana ħares lejn il-persuna li tkun qed tagħmillek il-mistoqsija; iżda meta twieġeb ħares u ndirizza lill-Maġistrat jew lill-Imħallef, skond il-każ.

Ħafna jemmnu li persuna li tkun qed tgħid il-verita' ma tiddejjaqx tħares lejn għajnejk, filwaqt li dawk li ma jkunux qegħdin jgħidu s-sewwa, jew is-sewwa kollu, jevitaw il-ħarsa t'għajnejk.

Ftakar li fil-Qorti tal-Maġistrati, bħala Ġudikatura Kriminali jew bħala Qorti Istruttorja, għandek tindirizza lill-Qorti "Sur Maġistrat" jew "Sinjura Maġistrat" skond il-każ. Fil-Qrati Superjuri, u ċioe, fil-Qorti Kriminali tindirizza' l-Qorti, "Sur Imħallef".

**Kun Oġġettiv:**

Huwa veru li wara x-xogħol li tkun għamilt sabiex tikkonkludi każ, tkun tixtieq tikseb sejbien ta' ħtija. Iżda dan mhux kompitu tiegħek. Għalhekk, konvint kemm int konvint mill-ħtija tal-imputat, għandek tippreżenta x-xhieda tiegħek b'mod imparzjali u tixhed il-fatti kollha, kemm kontra kif ukoll favur l-imputat.

**Kun edukat:**

Evita li tkun offensiv bl-imġieba tiegħek. Dan mhux dejjem faċli, speċjalment waqt il-kontro eżami: dan l-istadju jista' jkun l-aktar diffiċli għalik waqt ix-xhieda tiegħek. Kontro eżami ppreparat sewwa jista` jħawwad l-aktar xhud konvinċenti. Għalhekk titlifx il-paċenzja jew tirrabja – dan hu propju dak li jkun qed jipprova jipprovoka l-avukat difensur fil-kontro eżami. Hu propju hawn li int tista` turi l-professjonalita` tiegħek - għalhekk nerġa ntenni - kun preparat sew.

**Għajnuna fuq il-pedana**

L-aħjar mod biex tipprepara ruħħek għall-kontro eżami hu li tkun taf xi tattiċi li jistgħu jintużaw mill-avukati difensuri waqt dan l-istadju ta' kontro eżami:

1. Oqgħod attent għal dak l-avukat difensur li jidher li huwa ħabib tiegħek. B'dan il-mod jista' jagħmlek rilassat u imbagħad joħroġlok b'xi domanda li jaħsdek. Ftakar - aħseb qabel ma twieġeb;

2. Oqgħod attent meta l-avukat difensur jirrepeti u jerġa` jirrepeti l-istess domanda, xi kultant fi kliem differenti. Jekk twieġeb b'mod differenti, l-avukat difensur jista' jattakka kemm tiftakar sew dak li seħħ: jiġifieri l-memorja tiegħek;

3. Moħħok hemm għal dak l-avukat difensur li jipprova jintimidak billi jibqa jħares lejk b'mod fis wara li jkun għamilek xi domanda. Jekk tinduna b'din it-tattika, ma jkunx daqshekk effettiv.

4. Taqax għal provokazzjoni tal-avukat difensur li donnu għandu għalik personalment. L-iskop tiegħu u propju dak li tirrabja u tirreaġixxi għall-provokazzjoni - b'hekk titlef id-dehra professjonali tiegħek, b'ċans kbir li tnaqqas il-kredibilita` tiegħek u l-valur tax-xhieda tiegħek.

5. Attent għal dawk il-mistoqsijiet li l-avukat difensur jitolbok biex twieġeb "iva" jew "le". Dawn it-tip ta' domandi huma maħsuba sabiex jillimitaw l-ispjegazzjoni li tista` tagħti għal xi ħaġa li tkun għamilt. Hawn għandu jintervjeni l-uffiċjal prosekuttur billi jieħu nota ta' din id-domanda u jerġa` jmur għaliha fir-ri eżami u jagħti ċans lix-xhud jispjega ruħu.

6. Attent għal dawk id-domandi li jsirulek waħda f'waħda mill-avukat difensur biex ma jtikx ċans taħseb. Jekk tħalli l-avukat difensur juża` din it-tattika, fl-aħħar hemm ċans li tiżbalja. Int tista` tikkontrolla l-ħin għal kull domanda - għalhekk, ieqaf għal ftit mumenti qabel ma twieġeb għad-domanda.

**X'tista' tagħmel**

(a) Ipprepara ruħek sew u kun familjari mal-każ li dwaru se tixhed;
(b) Kun fil-ħin u liebes *smart*. Kun edukat f'kull ħin;
(c) Tintelaqx fuq il-pedana tax-xhieda;
(d) Ifhem id-domanda sew: Ieqaf (għal ftit) u aħseb qabel ma twieġeb;
(e) Ħares lejn il-persuna li qed tagħmillek id-domanda - iżda meta twieġeb ħares lejn l-Imħallef jew Maġistrat;
(f) Meta twieġeb domanda, kun konċiż u ċar;
(g) Tkellem b'mod sod u ċar;
(h) Meta mistoqsi xi domanda, ħalli ftit mumenti qabel ma twieġeb fejn l-uffiċjal prosekutur ikun jista' jagħmel xi oġġezzjonijiet;
(i) Kun edukat kemm lejn il-prosekuzzjoni, kif ukoll lejn id-difiża. Ipprova kun imparzjali u professjonist fuq il-pedana;
(j) Stenna li tkun attakkat mid-difiża - irrejaġġixi b'mod professjonali u mingħajr emozzjonijiet;
(k) Ix-xhieda tiegħek mhux ta' espert tal-Qorti - għalhekk m'għandekx tagħti l-opinjonijiet tiegħek fuq dak li ġara - dak xogħol ħaddieħor;

Dawn huma biss xi ftit ħsibijiet li xtaqt naqsam magħkom. Hemm ħafna iżjed xi tgħid dwar is-suġġett u oħrajn relatati miegħu. Xi kultant ma nagħtux l-attenzjoni xierqa lid-doveri tagħna fil-Qorti: iżda dan l-aħħar stadju tal-proċess huwa dak li, fl-aħħar mill-aħħar, jinkuruna x-xogħol siewi tal-Pulizija li tkun kixfet u nvestigat ir-reati li jkunu saru u ġabret il-provi neċessarji biex tressaq il-ħatjin quddiem il-Qrati. Għalhekk: kun preparat.

Tisljiet.
antoine.casha@gov.mt

# Il-ħidma tkompli ...

minn PS 478 Neville Mercieca - Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta

Nixtieq nibda billi nifraħ lill-Kummissarju u l-Korp tal-Pulizija għall-investiment f'vetturi bl-arja kundizzjonata u apparat ġdid li ġie mħabbar ftit ilu. Dan l-investiment jiswa` flus kbar u huwa għodda siewja għall-ħidma tagħna. Kulħadd għandu jagħmel użu tajjeb minnhom. Nieħu din l-okkazjoni ukoll biex inħeġġeġ li l-bini l-ġdid għal Akkademja ġdida, li ilha tiġi mwiegħda żmien twil, għandu jitlesta sabiex il-membri tal-Korp ikollhom faċilitajiet fejn jitgħallmu li jixirqu għaż-żminijiet tal-lum. Illum m'għadux iż-żmien li nagħmlu xi ħaġa kemm biex niddobaw, iżda hemm bżonn ta' ħsieb u ppjanar fit-tul.



PS 772 Dennis Agius - President
PS 478 Neville Mercieca - Segretarju Ġenerali
SM 489 George Attard - Teżorier

### MPA Shooting Club

Waqt laqgħa li kellha l-Assoċjazzjoni mal-Kummissarju, intweriet ix-xewqa li l-MPA ikollha *shooting club* fejn il-membri tal-Korp ikunu membri. Il-Kumitat ħadem fuq din il-proposta u ħoloq sotto-kumitat immexxi mis-Supretendent Antonello Grech sabiex dan il-ħsieb isir realta`. Il-permessi meħtieġa ġew maħruġa. Il-Kumitat Eżekuttiv jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lill-Kumitat tal-MPA *Shooting Club* għall-ħidma tiegħu. Nawguraw ir-risq u l-ħidma t-tajba għall-ġid tal-membri tal-Korp.

### Kungress tac-CESP ġewwa Santander, Spanja

Delegazzjoni mill-Kumitat Eżekuttiv attendiet għat-tmien Kungress tal-Kunsill Ewropew tal-Unions tal-Pulizija - CESP, bit-tema *''Police force in the heart of the economic crisis: Place and role of the police citizen''.* Il-Kungress dam erbat' ijiem fejn ġiet diskussa l-kriżi finanzjarja u kif din tolqot il-*budgets* allokati għall-Pulizija kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-MPA għamlet ukoll preżentazzjoni ddettaljata fuq kif il-Gvern Malti qiegħed jipproponi li tiġi l-*Union* għall-membri tal-Korp. Aħna għamilnieha ċara li ma naqblux mal-proposti tal-Gvern u l-membri tac-CESP wegħdu l-għajnuna kollha tagħhom. Matul dan il-Kungress, jiena ġejt ukoll maħtur awditur tac-CESP għall-perjodu ta' tliet snin flimkien mal-president tal-*Unions* tal-Montenegero u l-Albania. Din hija r-riżoluzzjoni finali li ġiet adottata. Sabiex ma jintilifx is-sens sħiħ tagħha minħabba xi traduzzjoni li tista tbiddel is-sens, qiegħed nipproduċiha kif saret:

*''After 23 years CESP is a strongly united organisation which has as a main objective the defense of the rights of thousands of men and women who are members of the police force of their respective countries, understanding that this profession is one of the pillars of the construction of a freer and safer Europe. Since the previous Congress various activities have been carried out by the organisation and we must highlight in this Final Resolution that four new countries have joined: Montenegro, Albania, Lithuania and Ukraine, representing our commitment to have a meeting point in the CESP for all the European police officers in order to reach common objectives.*

*The impact of the economical crisis on all the police officers in Europe is noticeable everywhere, in some countries government have taken drastic measures which expose the members of the police to danger and affect their lives and the life of their families. Funds are becoming less and working hours more and more, rights and benefits which they have acquired over the years are taken away from them, whatever was earned in a long struggle is just erased from one day to the other.*

*CESP reassures the commitment to The European Convention on human rights, European Code of Police Ethics and The European social Charter and demands its application for all the police forces in Europe.*
*Safety is an essential for the implementation of the fundamental rights and without it, there is no true democracy. The personal commitment of every police officer is as important as the efficient work of our government who must understand the importance of the functioning of the police. Budgets related to safety must not be cut because*

*this affects the European way of life. Therefore the role of the police officers who represents his colleagues through a trade union must be considered as imperative.*

*CESP, which brings together thousands of police officers throughout Europe, must communicate to the governments the very clear message of those who want a strong, fair and democratic Europe where freedom and safety are key points to reach these objectives.*

*CESP also believes that the postponement of the retirement age of police officers is a hazard to the citizens as well the police officer. In fact it is scientifically proven that after 50 years of age, the reflexes, the physical fitness and performance of a human being become weaker. Stress and other factors in connection with the profession of a police officer will affect their life expectancy.*

*We as police officers identify ourselves with the rest of the workers and we know that we have a great commitment to our societies but we are not responsible for the serious mistakes made by some economic sectors such as the financial ones or by some governments, which have such a negative impact on our colleagues.*

*At the heart of the crisis, every police officer must understand that the end of the crisis will only be possible through work well done, but also through the demand of the responsibilities of our governments in order to have a more efficient management.*

*As its first and strong political decision, the new Executive Bureau of CESP has decided to organise urgently its first meeting in Budapest (Hungary), due to the alarming situation of its national member FRSZ."*

**Laqgħa mal-membri tal-Police Board**

Rappreżentati tal-Kumitat Eżekuttiv għamlu laqgħa mal-Imħallef F Depasquale u l-membri tal-Police Board sabiex naraw fejn nistgħu ngħinu lil xulxin. L-interess taż-żewġ partijiet jidher li jaqbel ferm. Aħna nħeġġu lill-membri tagħna jagħmlu użu minn dan il-bord li huwa mwaqqaf taħt Kapitlu 164 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn huma persuni integri, serji f'xogħolhom u għalkemm huma limitati fir-riżorsi, jippruvaw jagħmlu mirakli sabiex jgħinu. Meta nagħmlu użu mis-servizz tal-Police Board jew ta' kwalunkwe entità fejn aħna nirrikorru għal għajnuna, ejja ngħidu GRAZZI, anki jekk ir-riżultat forsi ma jkunx dak li nixtiequ aħna.

Il-Kumitat Eżekuttiv jitlob lill-membri li ngħataw xi deċizjoni mill-Police Board u li forsi mhix xi ħaġa personali, sabiex jgħaddilna koppja sabiex din tgħinna meta jkollna każi simili ma' membri oħrajn.

**Vjolenza Kontra membri tal-Korp**

Kif tafu, dan huwa suġġett għall-qalbna u waqt laqgħa mal-Onorevoli Prim Ministru Dr L Gonzi reġa' tqajjem. Aħna ħeġġiġna lill-Gvern sabiex jieħu azzjoni mmedjata ħalli dak li hemm propost f'abbozz tal-Liġi numru 97, li ilu pendenti minn Settembru 2011 jiġi fis-seħħ. Jidher li hemm rieda tajba sabiex dan isseħħ. Nisperaw li kif għedna diversi drabi, ma jkollniex ngħaddu minn xi traġedja oħra qabel.

**Ftehim kollettiv taċ-Ċivil**

Qegħdin nirċievu diversi telefonati ta' kuljum rigward il-ftehim kollettiv taċ-Ċivil li skada f'Jannar 2011. L-MPA m'għandha l-ebda sehem f'dawn in-negozjati u mhux infurmata rigward dak li qiegħed isir. Għalhekk sfortunatament ma tantx ikollna risposti x'nagħtu.

**Kjarifika**

Fil-ħarġa ta' Marzu 2012, taħt it-titlu 'Sena nimxu' jien ktibt ''B'wiċċi minn quddiem ngħid li kieku ma kienx il-Kummissarju li rranġa diversi affarijiet kemm ilu hu, limitati għall-poteri li għandu...."

Xi uħud, peress li ma ktibtx li ħafna min dawn kienu talbiet tal-MPA, ħasbu li aħna m'għamilna xejn. Nixtieq niskuża ruħi ma' dawk li ma fehmux li kien hemm talbiet tal-MPA fuqhom għaliex jiena ħadtha ovja, peress li l-artiklu tiegħi dejjem ikollu x'jaqsam mal-ħidma tal-MPA u mhux ta' dipartiment ieħor.

Filwaqt li nerġa' ntenni dak li ktibt, nispera li hekk ġiet tinfiehem aħjar.

Għal darb'oħra nerġà nfakkarkom li min ikollu bżonn xi assistenza, għandu jċempel l-uffiċċju tagħna jew jibgħat e-mail jew messaġġ fuq *Facebook,* minflok joqgħod jisma` l-kwantita` kbira ta' xniegħat u qlajjiet li jinqalgħu ta' spiss.

Inħeġġeġ li min jikkummenta fuq *facebook* (wall), dan jagħmlu b'responsabilita` u rispett lejn minn ikun qiegħed jaqrah għaliex xi kultant, jiddispjaċini ngħid li xi kummenti ma jkunux xierqa li saru minn membru ta' Korp dixxiplinat, li suppost għandu jkun ta' eżempju għall-ħaddieħor. Kummenti simili jew li ma jkollhomx x'jaqsmu mas-suġġett, qegħdin jiġu mħassra.

mpa@onvol.net

# Il-fastidju

mis-Supretendent Dr Dominic Micallef LLD – Uffiċċju Legali

Il-fastidju ddaħħal fil-liġi Maltija eżattament fil-Kodiċi Kriminali bħala reat kriminali permezz tal-Att XX tal-2005. Dan ir-reat kriminali issa ilu magħna għal dawn l-aħħar seba' snin. Il-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhu fastidju imma jekk att jew atti jammontawx għall-fastidju jew le, il-liġi tagħna żżomm mal-kejl tal-persuna raġonevoli. Filfatt, l-artikolu 251A(2) jipprovdi li:

*"Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra."*

Mela għalkemm il-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhu fastidju imma tqis, li dak l-att fejn persuna raġonevoli taħseb li jista' jkun ta' fastidju għal persuna oħra, dak l-att jitqies għal l-iskopijiet tal-liġi li jammonta għall-fastidju. Filfatt l-Onorevoli Ministru Dolores Cristina MP, il-Ministru li qiegħdet fil-Parlament dan l-Abboz tal-liġi, fid-dibattitu parlamentari tas-seduta numru 274 tal-31 ta' Mejju 2005, tenniet hekk:

*«Issa huwa importanti li jkollna kejl, għaliex din tinkwetani. Aħna daħħalnieha, ibbażata fuq il-liġi Ingliża, dik li jgħidula «the test of the reasonable man», li vera jrid ikun hemm «harassment» u li veru jrid ikun hemm l-intenżjoni, u allura l-Qorti għandu jkollha xi kejl. Da hu kunċett li jidħol f'liġijiet oħra. Aħna daħħalnieh hawnhekk għaliex dehrilna li iva, għandu jkun hemm kejl, u dan il-kejl għandu jissejjaħ «the test of the reasonable man», fejn jekk persuna tista' tagħti l-prova li dak li għamlet, m'għamlitux bl-intenzjoni li toħloq xi biża' jew li tagħmel fastidju, mela dik il-persuna ma teħilx. Allura l-Qorti trid tevalwa s-sitwazzjoni wkoll.»*

Dan il-fastidju ma jieħux biss il-forma ta' dak li bl-Ingliż jissejjaħ *stalking* fejn għandek persuna li toqgħod tqis il-passi ta' persuna u issegwi persuna oħra, imma forom oħra fejn persuna iddejjaq lil persuna oħra. Filfatt l-Onorevoli Dr Tonio Borg fid-dibattitu parlamentari stqarr li:

*«Hawnhekk għandek konnotazzjoni aktar wiesgħa minn dik tal-istalking, u m'għandhiex definizzjoni ċara għal tal-apposta, ħalli nħallu f'idejn il-ġudikant sabiex janalizza jekk dan l-aġir huwiex ta' persuna raġjonevoli jew le.»*

L-Onorevoli Carmelo Mifsud Bonnici fis-seduta numru 58 tal-Kumitat tal-Kamra datata 24 ta' Ottubru 2005, ikkumenta dan li ġej:

*«Qabel draftjajna dan l-artiklu, dawn l-argumenti tal-istalking ikkonsidrajnihom, pero' kkunsidrajna li mill-esperjenza għandek ukoll aġir ta' nies oħrajn li ma jikkostitwixxux stalking imma li jdejjaq lil dak li jkun, u jdejjaq lil dak li jkun b'mod li jħallilu l-ħajja tiegħu, jġiebha b'mod li ma jistax jgħixha fil-paċi. Allura ridna li ninżlu iktar 'l isfel biex inkunu ċerti li naqdu lil kulħadd.»*

Filfatt l-Artikolu 251C jipprovdi li, «fl-artikoli 251A u 251B riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna.» Minn dan l-artikolu wieħed jista' jinnota li l-Kodiċi tagħna iħalli wiesgħa l-forom li jista' jieħu dan il-fastidju.

S'issa hawnehkk rajna l-intenzjoni tal-leġislatur x'kienet dwar dan ir-reat tal-fastidju. Jaqbel ukoll li nagħtu titwila kif interpretaw dan ir-reat ta' fastidju l-qrati tagħna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-każ *Il-Pulizija vs Massimi Tivisini* deċiż fis-27 ta' Frar 2009 ikkumentat dan li ġej :

*« … it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż, 'harassment') ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala:- 'Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose', dan l-element ta' repetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat 'in isolation' b'referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez' [21.6.07] :- '…. f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispegola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien."*

Żewġ elementi importanti għar-reat ta' fastidju huwa li l-atti jkunu mmirati lejn persuna speċifika kif ukoll ikun hemm persistenza jew repetizzjoni ta' dawn l-atti. Filfatt dwar il-*course of conduct* u sabiex jirriżulta l-fastidju hemm bżonn repetizzjoni ta' atti il-Qorti fis-

sentenza *Il-Pulizija vs James Demanuele* deċiża fis-26 ta' Novembru 2009:

*"Illi għar-rigward tal-inċident tal-14 ta' Lulju, 2008, apparti l-ħabta ma jirriżulta xejn ħlief li immedjatament wara kien hemm it-theddid u d-dagħa. Dan fil-fehma tal-Qorti jammonta għall-inċident wieħed u jrid jitqies "unico contextu". Għalhekk fir-rigward ta' din il-ħames imputazzjoni ma rriżultatx il-pluralita' ta' inċidenti implikati fil-frażi "course of conduct" (fit-test Ingliż) li skond ġurisprudenza reċenti ta' din il-Qorti trid tirriżulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkaġunar ta' biża'. (ara f'dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Raymond Parnis" per V De Gaetano C. J. [24 ta' April 2009]). »*

Il-Liġi fil-każijiet tal-fastidju jsemmi ukoll xi eċċezzjonijiet fejn persuna tista' tiddefendi l-atti li hija tkun wettqet, fosthom l-artikolu 251A(3) li jiddisponi :

*«Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt»*

L-Onorevoli Dr Tonio Borg LLD MP fid-dibattitu parlamentari tenna li, "… tant ser jsir reat, li qed nagħmlu wkoll l-eċċezzjonijiet għalih ukoll. Per eżempju, jekk ikollok persuni fil-Korp tal-Pulizija jew f'xi korp ieħor tat-twettiq tal-liġi li jkunu qed jagħmlu dan l-aġir bħala parti minn xogħolhom, allura se jiġu eżentati mir-reat.»

Kif intqal aktar 'il fuq, l-atti sabiex wieħed iwettaq fastidju jistgħu jieħdu diversi forom, l-importanti hu li dak l-att iwassal sabiex jagħti qatgħa jew idejjaq lil persuna. Filfatt każ interessanti huwa dak li nqata' mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-1 ta' Marzu 2012, *Il-Pulizija vs Julina Cesare*. Il-Pulizija akkużat lil Cesare li ta fastidju lil Joseph Darmanin b'daqq ta' mużika b'volum għoli.

Mill-ewwel Qorti, is-Sur Cesare instab ħati li ta fastidju lil Mr Demanuele permezz ta' daqq ta' mużika. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant ħati ta' fastidju permezz ta' mużika. Minn din is-sentenza wieħed jista' jinnota li l-att tal-fastidju jista' jinkwadra taħt diversi forom. Din is-sentenza twassal għall-fatt li jekk ikun hemm bar, jew disco li ripetutament jagħti fastidju lin-nies bid-daqq ta' mużika, dan ukoll, jekk dejjem jiġi ippruvat, iwassal għar-reat ta' fastidju.

dominic.micallef@gov.mt

Advert

# Cyber Crime: Computer Misuse

mill-Ispettur Timothy Zammit – Cyber Crime Unit
ritratti: Frank Zammit







L-użu tat-teknoloġija u l-internet żdied madwar id-dinja kollha .. u l-Maltin żgur li ma waqgħux lura f'dan l-aspett!! Huwa importanti ħafna għalina lkoll, bħala membri tal-Korp tal-Pulizija, li nżommu ruħna aġġornati mal-avvanzi ta' madwarna peress li dawn awtomatikament jkollhom effett għall-mod kif naħdmu.

**Fuq l-internet nista` nagħmel u ngħid li rrid?**

Fil-ġimgħat li għaddew erġajna smajna diversi jgħidu li l-internet ma huwa ta' ħadd u allura ma għandu jkun hemm l-ebda forma ta' kontroll. Ikolli ngħid li ma nistax naqbel ma' din l-istqarrija. Għalkemm l-internet effettivament ma jappartjeni lil ħadd, ma rridux ninsew li l-internet ma hu xejn ħlief biċċa għodda. Din l-għodda, li sservi bħala mezz ta' komunikazzjoni jew sors ta' informazzjoni, tista` tiġi użata kemm b'mod tajjeb u kemm b'mod ħażin.

Bħal kull ħaġa oħra, l-użu ħażin tal-internet huwa xi ħaġa li bħala Pulizija niltaqgħu magħha regolarment fl-infurzar tal-liġijiet. Il-liġi li tirreloga x'inhu permess fil-ħajja reali tapplika wkoll għall-mod kif inġibu ruħna fuq l-internet. Fil-każ ta' Malta, il-maġġoranza tar-reati kriminali nsibuhom elekanti fil-Kodiċi Kriminali.

**X'inhu eżattament *is-Cyber Crime?***

Ma teżisti l-ebda definizzjoni universali għal dan it-terminu. Iżda, nistgħu ngħidu li s-*cyber crime* jinkorpora fih reati kriminali li jsiru permezz tal-użu tat-teknoloġija. Tajjeb li niddistingwu bejn żewġ tipi differenti ta' reati li nistgħu niltaqgħu magħhom.

L-ewwelnett, hemm dawk ir-reati kriminali li kienu jeżistu fil-liġijiet tagħna qabel ma ġie ntroddot l-internet f'pajjiżna. Biex ninftiehem aħjar ser nirreferi għalihom bħala "reati tradizzjonali". Eżempji ta' reati tradizzjonali huma l-frodi, pussess jew tixrid ta' materjal indiċenti ta' minuri, il-malafama u t-theddid. Permezz tal-użu tat-teknoloġija, dawn ir-reati ħadu xejra oħra peress li l-internet iffaċilita l-kummissjoni ta' dawn ir-reati kif ukoll il-mod ta' kif dawn jitwettqu. Tajjeb li ngħidu, li fil-kuntest lokali, l-istess artikli tal-liġijiet li japplikaw għal meta r-reati tradizzjonali jsiru fid-dinja reali japplikaw ukoll fid-dinja virtwali.

Imbagħad, hemm reati kriminali oħra li bilfors iridu jsiru permezz tal-użu tat-teknoloġija minħabba n-natura partikolari tagħhom. Wieħed minn dawn ir-reati huwa dak tal-*computer misuse* li nsibuh fil-Kodiċi Kriminali tal-liġijet tagħna.

**Kull reat li jsir fuq l-internet huwa *computer misuse*?**

Le. Għalkemm meta wieħed jgħid *computer misuse* awtomatikament jiġih f'moħħu kwalunkwe użu ħażin ta' kompjuter, tajjeb ngħidu li mhux kull reat kriminali li jsir permezz ta' kompjuter jammonta għal *computer misuse:* jekk huwa reat "tradizzjonali" li qed isir permezz ta' kompjuter allura mhux *computer misuse!*

Ir-reat tal-*computer misuse,* li fil-liġi Maltija nsibuh elenkat fil-Kodiċi Kriminali (Kap 9) f'artiklu 337B et seq, huwa reat pjuttost speċifiku. Inħoss li għandi nidħol f'aktar dettal dwar l-elementi tar-reat tal-*computer misuse* peress li qegħdin niltaqgħu ma' ħafna rapporti mdaħħla fil-PIRS li qed ikunu kklassifikati bħala *computer misuse* meta dan mhux il-każ.

Il-*computer misuse,* skond il-liġi Maltija, jirreferi għall-attivita` mhux awtorizzata li jsir fuq jew permezz tal-kompjuter. Mela allura l-ewwel element li dejjem irid ikun preżenti fir-reat tal-*computer misuse* huwa n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni minn naħa tas-sid tal-kompjuter, kont jew informazzjoni.

L-attivita` mhux awtorizzata tista' tieħu waħda mill-forom li l-leġiżlatur elenka fil-Kodiċi Kriminali. Ser nispjega il-forom ta' *computer misuse* li niltaqgħu l-aktar magħhom skond ma'

huma kklassifikati fis-sistema tal-PIRS:

### *Computer misuse – Unauthorised Access*

Din hija l-iktar forma komuni ta' *computer misuse* li niltaqgħu magħha. Ħafna huma dawk li jirreferu għal din il-forma ta' *computer misuse* bħala *hacking* għalkemm din il-kelma ma nsibuha mkien fil-liġijiet tagħna. L-aċċess mhux awtorizzat ġo kompjuter, sistema, informazzjoni jew kont ta' xi ħadd mingħajr il-permess tas-sid huwa llegali. L-aktar eżempju ċar ta' aċċess mhux awtorizzat hu meta xi ħadd jidħol mingħajr permess fil-kont tal-*email* ta' xi ħaddieħor mingħajr il-permess tas-sid.

Madankollu, hemm forom oħra ta' aċċess mhux awtorizzat li m'humiex ovvji għal kulħadd. Dawn jinkludu, per eżempju, meta wieħed jaqbad mal-*wireless router* tal-ġar tiegħu mingħajr ma jitlob permess, anke jekk dan ma jkollux *password.* Dan jitqies bħala aċċess mhux awtorizzat peress li meta wieħed ikun qed jaqbad mar-*router,* dan ikun qed jaċċessa in-*network* tal-kompjuter anke jekk l-iskop kien sempliċiment li juża l-internet. Il-fatt li persuna ma tkunx issetjat *password* sabiex dak li jkun jaqbad mar-*router* tagħha ma jagħtix dritt awtomatiku lil ħaddieħor biex jagħmel użu minn dak l-istess *router.* Bl-istess mod fid-dinja reali, jekk jiena ma nagħlaqx il-bieb ta' barra tad-dar tiegħi m'hiniex qed nagħti dritt lil ħaddieħor biex jidħolli d-dar!!

### *Computer misuse – Unauthorised Copying of Data*

Ħadd ma jista' jieħu kopja ta' informazzjoni li qed tiġi miżmuma fuq kompjuter mingħajr il-permess tas-sid tal-informazzjoni. Każijiet li ġieli ltqajna magħhom huma ta' impjegati li fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħhom jieħdu kopja tal-informazzjoni tal-klijenti tal-kumpanija sabiex ikunu jistgħu jużaw dik l-istess informazzjoni fl-impjieg il-ġdid tagħhom. Tistgħu timmaġinaw il-gravita` ta' każijiet bħal dawn speċjalment meta wieħed iżżomm f'moħħu ż-żmien li jiġi nvestit sabiex kumpanija tattira klijenti ġodda.

Wieħed irid joqgħod attent, madankollu, li ma jpoġġix kull ikkupjar ta' informazzjoni f'keffa waħda. Nirċievu diversi telefonati min-nies li jħossuhom urtati għax persuni oħrajn ikunu kkupjaw ritratti li huma stess ikunu ppublikaw fuq l-internet f'siti bħal ma' huma *facebook.* Meta persuna tippubblika ritratti fuq dawn it-tip ta' siti għandha tagħraf li qed tkun hija stess li qed tagħżel li tixtieq ixxerred din l-informazzjoni u tagħmilha disponibbli għall-persuni oħrajn li jagħmlu użu mill-istess sit. Allura jekk din l-istess informazzjoni tiġi kkupjata, dan ma jammontax għal *computer misuse.* F'każijiet fejn ritratti jew informazzjoni oħra tkun ikkupjata minn profil għal ieħor fuq *facebook* b'dan il-mod l-aħjar parir li wieħed jista' jagħti huwa li dak li jkun jirrapporta direttament mal-amministraturi ta' *facebook* billi jagħmel *report abuse.*

Simili ħafna għal dan li għadni kif spjegajt hemm dawk il-forom ta' *computer misuse* li huma magħrufin bħala *unauthorised deletion of data u unauthorised possession of data.*

### *Computer misuse – Use of other person's password*

Il-*password* hija xi ħaġa personali u nistgħu nqabbluha ma' ċavetta. Għalkemm persuna jkun jaf il-*password* ta' ħaddieħor, dan m'għandux dritt awtomatiku li jużaha meta jrid sakemm is-sid tal-*password* ma jkunx ta l-kunsens tiegħu f'dan is-sens.

Tajjeb li nżommu f'moħħna wkoll, li l-*password* mhux neċesarjament tkun tappartjeni għal min jużaha. Eżempju ta' dan hija l-*password* tal-PIRS tiegħi li, filwaqt li tappartjeni lill-Korp tal-Pulizija, qed tiġi fdata lili għall-użu esklużiv tiegħi. Għaldaqstant, filwaqt li min juża l-*password* tal-PIRS tiegħi jkun qed jikser il-liġi, jiena m'għandi l-ebda awtorita` li ngħaddi l-*password* tal-PIRS tiegħi lil persuni li mhumiex awtorizzati jħaddmu s-sistema tal-PIRS.

F'sitwazzjonijiet simili, min jgħaddi l-*password* tiegħu jew ta' ħaddieħor lil persuni mhux awtorizzati jkun qed jikser il-liġi b'forma oħra ta' *computer misuse* li hija magħrufa bħala *password disclosure.*

### *Computer misuse – Physical Damage to Computer Equipment*

Kunċett interessanti li nsibu fil-liġi tal-*computer misuse*, u li ftit jafu dwaru, huwa dak dwar il-ħsara fiżika fuq apparat tal-kompjuter. Filwaqt li huwa pjuttost ovju li ħsara fiżika fuq sistema tal-kompjuter tista` tiġi meqjusa bħala ħsara volontarja (reat tradizzjonali), din tista` tiġi meqjusa wkoll bħala *computer misuse* ġaladarba dik il-ħsara qed timpedixxi lill-kompjuter milli jaqdi l-funżjonijiet tiegħu.

### X' nista` nagħmel jekk ikolli diffikulta dwar xi ħaġa li qed tiġi rrapurtata lili?

L-għan priniċipali tas-*Cyber Crime Unit* huwa li sservi ta' għajnuna teknika għall-investigaturi li l-Korp tal-Pulizija għandu fi ħdanu. Għaldaqstant, huwa importanti li meta persuna tiġi l-għassa biex tagħmel rapport ta' reat kriminali relatat mal-użu tat-teknoloġija jew l-internet, isir kuntatt mas-*Cyber Crime Unit.* Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi aċċertat li dak li qed jiġi rrapurtat jammonta għal reat kriminali, qed jiġi klassifikat tajjeb fil-PIRS kif ukoll qed jinġabru d-dettalji kollha meħtieġa għall-investigazzjoni mingħand il-persuna li qed tagħmel ir-rapport.

Darb'oħra nidħlu fid-dettall dwar x'informazzjoni hija meħtieġa mingħand min qed jagħmel ir-rapport kif ukoll x'azzjoni tista` ttieħed f'sitwazzjonijet differenti. Sadakinhar, tislijiet mill-qalb!

timothy.zammit@gov.mt

# Ftuħ tal-wirja tal-mejda tal-appostli

minn WPC 176 Sloune Fabri - CMRU





F'dawn l-aħħar 21 sena, il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kienet ikkaratterizzata mill-wirja li tittella' kull sena. Din il-wirja, li saret tradizzjoni, kull ma jmur dejjem qed tikber u tkun ikkaraterizzata mill-kwadri tal-melħ. Il-ħidma kbira u d-dedikazzjoni ta' dawk kollha li ħadu sehem f'din il-wirja tiġi ppremjata bin-numru ta' dawk il-viżitaturi li jmorru jarawha u li ta' kull sena qiegħed dejjem jiżdied.

Il-wirja ta' din is-sena nfetħet uffiċjalment nhar it-30 ta' Marzu 2012 mill-Kummissajru tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo u l-Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari, Dr Carm Mifsud Bonnici. Waqt din iċ-ċerimonja, is-Sur Rizzo, f'isem il-Korp tal-Pulizija kollu irringrazzja lil dawk il-persuni kollha li għamlu din il-wirja possibbli, b'mod speċjali dawk li ħadmu fiha. Irringrazzja b'mod speċjali wkoll lil dawk il-membri li ħadmu fuq din il-wirja għal dawn l-aħħar 21 sena. Il-wirja nfetħet bit-tberik u talba minn Fr Ray Bonnici, il-Kappillan tal-Korp.

Il-Ministru fil-kelmtejn tiegħu tenna li din hija okkazzjoni tassew sabiħa. Dr Mifsud Bonnici ukoll irringrazzja lill-membri li ħadu sehem f'din il-wirja li ta' kull sena jirnexxilhom jaffaxxinawna bit-talent tagħhom.

Huwa stqarr li jkun żball jekk xi ħadd ikollu jwaqqaf dan ix-xogħol u l-inizzjattiva ta' dawn il-membri, peress li t-tradizzjonijiet ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira huma parti mill-għeruq Maltin, għalhekk il-bieb huwa miftuħ għan-nies biex igawdu din il-wirja.

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll is-Supretendent Mario Spiteri li ta spjega eċċellenti tal-Ikla tal-Għid bir-rit Lhudi kif ukoll tal-bosta oġġetti u simboli li kienu fuq il-mejda tal-appostli.

L-espressjoni tal-kwadru li kien hemm lejn l-aħħar tal-wirja ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn huwa stqarr li d-dettal li fih jimmeraviljak.

Ix-xogħol tal-kwadri bl-uċuħ iffurmati bil-melħ jeħtieġ







teknika u paċenzja liema bħalha. Hemm żewġ tekniki kif jista' jsir dan ix-xogħol; billi jintuża għaġin irqiq u bil-pinzetta jsir disinn u wara jimtela' billi jitraxxax il-kulur jew mingħajr l-użu tal-għaġin, jinħadem *'freehand'* billi jitraxxax il-kulur wieħed ma' l-ieħor u x-xogħol jinżamm wieħed. Sabiex tintuża din l-aħħar teknika, wieħed ikollu bżonn jipprepara aktar skaletta ta' kulur u dan biex id-dettal joħroġ iktar.

Esebizzjoni ġdida f'din il-wirja, għal din is-sena kienet l-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

Wieħed jista' jistaqsi x'għandha x'taqsam din il-wirja max-xogħol propju tal-Pulizija? Għalkemm huwa veru li l-Korp tal-Pulizija qiegħed hemm biex jagħti servizz lill-poplu huwa wkoll minnu li l-Korp għandu qalb li tħoss u tibki u fl-aħħar mill-aħħar huwa uman bħal kulħadd. Għalhekk, f'dan iż-żmien fejn il-knisja tkun qiegħda tiċċelebra l-akbar festa tagħha, il-membri tal-Korp tal-Pulizija li jagħmlu parti mill-komunita' Maltija, iħossu li għandhom jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-festa hekk għażiża mhux biss għall-Knisja iżda anki għall-komunita' Maltija.

Mis-sala Vilhena, iż-żjara kompliet fil-Mużew tal-Pulizija u l-Mużew tal-Kriminalita' fejn wieħed ma setax ma jinnotax l-arranġamenti ġodda li saru ġewwa ż-żewġ mużewijiet sabiex dawn jidhru dejjem aktar interessanti u nnovattivi.

Saret ħidma sfieqa mis-Surġent-Maġġur 1199 Joseph Borg u mis-Surġent 129 Marlene Falzon sabiex jitlestew dawn iż-żewġ mużewijiet iżda għad baqa' aktar xi jsir.

Il-Mużew tal-Pulizija ġie mgħammar b'vettrini ġodda għall-aktar sigurta' u fihom tqiegħdu manekkini ġodda, lebsin l-uniformijiet tal-Korp tal-Pulizija kif kienu fis-snin li għaddew u anki dawk kif inhuma fil-preżent.

Sabiex dawn iż-żewġ mużewijiet ikunu iktar aċċessibbli għan-nies, speċjalment turisti li jżuruhom, is-Sur John Rizzo stqarr li iktar 'il quddiem se jiġi introdott apparat ġdid bl-audio, li jkun b'lingwi differenti u b'iktar *sound effects,* sabiex anki min ikun qiegħed fil-mużew tal-kriminalita' jkun jista' jisma' l-istorja ta' kif ġara d-delitt u permezz tas-*sound effects,* jitqanqal iktar interess fl-istorja.

Xi ħaġa li toħloq element ta' kurżita' fil-mużew tal-Pulizija, hija l-kaxxa tal-metal li ġiet mogħtija lill-Korp tal-Pulizija din is-sena. Iżda din mhijiex kaxxa kwalinkwe, iżda hija l-kaxxa li kienet tintuża għall-korrispondenza sigrieta bejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li kienet tissakkar b'ċavetta li minnha kien ikollu waħda l-Kummissarju tal-Pulizija li dak iż-żmien kien is-Sur Vivienne De Gray, u ċ-ċavetta l-oħra kienet tkun għand il-Prim Ministru nnifsu.

Fost diversi mezzi ta' komunikazzjoni li kienu jintużaw fis-snin ta' qabel, fil-mużew hemm ukoll telefon antik iswed li kien fl-*Officers Mess* u li kien jintuża ħafna minn De Gray.

Fil-Mużew tal-Pulizija jispikkaw ukoll iż-żewġ trofej mogħtija lill-Korp waqt il-*Malta People Awards 2010/11 kif ukoll ix-shield tar-Royal Life Saving Society.*

Xi ħaġa oħra li tolqot l-għajn, din id-darba, fil-Mużew tal-Kriminalita` huwa l-mutur li nġieb minn Franza sabiex jinqatel Fathi Shqaqi f'Ottubru tal-1995. Insibu ukoll ritratti antiki li kienu ġew meħuda fuq ix-xena tad-delitt.

Fost dawn l-affarijiet kollha ta' preġju li qegħdin jissemmew f'dan l-artiklu, ma jistax ma jiġix apprezzat ix-xogħol ta' tisbiħ li sar fl-entratura tad-depot, fil-parti fejn hemm il-monument. Il-Ministru, Dr Carm Mifsud Bonnici ammira u faħħar ukoll dan ix-xogħol li sar mill-istess membri tal-Korp tal-Pulizija.

Finalment, wieħed ma jistax ma japprezzax dan ix-xogħol kollu li propju jsir mill-kollegi tagħna stess li jieħdu interess sabiex attivitajiet f'okkazzjonijiet bħal dawn jittellgħu bl-aktar serjeta', dedikazzjoni u paċenzja.

sloune.fabri@gov.mt

# Żjara mill-Onorevoli Prim Ministru

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU







Il-wirja ġiet apprezzata ferm ukoll mill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, li flimkien mal-Kummissarju żar il-wirja, il-Mużew tal-Pulizija, ix-shelter kif ukoll il-Kappella. Waqt din iż-żjara, il-Prim Ministru ltaqa` mal-persuni li ħadmu u ħolqu din il-wirja. Huwa ma setax jemmen is-sbuħija ta' dawn il-kwadri fejn stqarr li bejn il-pittura u l-kwadru ma hemm l-ebda differenza.

Huwa tenna kif f'wirja bħal din jispikka aktar l-lat uman fil-Pulizija. Waqt li Dr Lawrence Gonzi kien qiegħed qed izur il-wirja innota li kien hemm xi persuna li messet il-melħ u hawnhekk huwa ikkumenta li dan huwa l-isbaħ ċertifikat għax dan juri li l-persuna tant ma setatx temmen l-isbuħija u t-talent tant li kellha tmiss biex temmen.

louise.b.camilleri@gov.mt

# Mixja mas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija

minn PS 41 Matthew Attard- Sezzjoni tal-Klieb

ritratti PC 726 David Pizzuto

Ser nibda dan l-artiklu billi ngħid kelmtejn fuqi. Jien ili membru fil-Korp tal-Pulizija għal dawn l-aħħar kważi seba' snin. Bdejt il-karriera tiegħi fid-distrett tal-Mosta u l-Qawra u kif kienet dejjem ix-xewqa tiegħi, f'Novembru tal-2007 ġejt stazzjonat fis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Fl-2011 ġejt promoss għar-rank ta' Surġent u kont stazzjonat fl-Għassa ta' San Ġiljan. F'Diċembru tal-2011 erġajt ġejt stazzjonat fis-Sezzjoni tal-Klieb u r-rwol tiegħi inbidel bħala Surġent peress li ġejt responsabbli mis-Sezzjoni. Flimkien miegħi hawn stazzjonati għoxrin Kuntistabbli. Is-Sezzjoni tal-Klieb taqa` taħt il-*Protective Services,* speċifikament taħt l-SAG.



Luke- 1970

Xi ħaġa li dejjem sewditli qalbi huwa l-fatt li l-istorja tas-Sezzjoni tal-Klieb ftit li xejn ġiet dokumentata. Wieħed ma jsib xejn fil-mużew tal-Pulizija li titratta din is-sezzjoni. B'hekk xtaqt li nagħmel xi ħaġa dwar l-istorja sabiħa u l-passi kbar li għamlet din is-sezzjoni matul iż-żminijiet. Xtaqt li nibda billi nipprova nsib min kienu l-ewwel kuntistabbli li ġew stazzjonati f'din is-sezzjoni. Bi stħarriġ li għamilna jien u l-kollegi tiegħi irnexxielna naslu għall-ewwel kuntistabbli li kien stazzjonat fis-Sezzjoni tal-Klieb, flimkien ma' żewġ kuntistabbli oħra li kienu hemm minn tal-bidu.

Forsi ħafna ma jafux li s-Sezzjoni tal-Klieb ilha imwaqqfa mill-1959. Is-Sezzjoni dak iż-żmien kienet magħmula minn żewġ Pulizija u żewġt iklieb biss li lkoll kienu stazzjonati fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dawn l-ewwel żewġ kuntistabbli kienu ex-Pc 861 Salvu Ferriġġi u ex-Pc 326 Ġużeppi Azzopardi magħruf bħala l-*"Ispring"*. Irnexxili niltaqa` ma' Salvu Ferriġġi li daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-1956 u kien l-ewwel kuntistabbli stazzjonat f'din is-sezzjoni fl-1959 wara l-***istrike*** tal-1958. Illum Salvu għandu 79 sena. Ferriġġi jispjega li dawn l-ewwel żewġt iklieb kienu jintużaw biss għall-protezzjoni u sigurta`. Intervista oħra saret ma' ex-Pc 1116 Alfred Azzopardi magħruf bħala l-*Ispring* (laqam li wiret miż-żiju tiegħu ex-Pc 326 imsemmi aktar il'fuq) u ma' ex- Pc 1360 Alfred Borg (Żebbuġi) li kienu wħud mill-ewwel kuntistabbli li ġew stazzjonati fis-Sezzjoni tal-Klieb. Alfred Azzopardi li llum għandu 72 sena, daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Ottubru tal-1959 fejn ġie stazzjonat mill-ewwel ġurnata ma' din is-sezzjoni. Il-Kuntistabbli Alfred Borg kien għamel għaxar snin membru tal-Korp u milli jidher kien imidt idejh għal kollox għax għalkemm kien għamel żmien mas-Sezzjoni tal-Klieb kien jintuża ħafna għal xogħol tal-kostruzzjoni li sar fid-depot tal-Pulizija.

Is-Sezzjoni tal-Klieb ma kinietx dejjem il-Mosta fejn tinsab illum, imma kif spjega tajjeb is-Sur Ferriġġi, l-ewwel żewġ *kennels* kienu fejn illum tinsab il-Vilhena Hall, fejn dak iż-żmien kienet tinsab ukoll is-CID. L-ex-kuntistabbli Borg beda jgħid li imbagħad kienu ġew trasferiti iktar 'il ġewwa fejn kien hemm xi *conference room* u flimkien ma' sħabu kellhom jħottu l-bini tal-*kennels* tal-klieb u jerġgħu jibnuhom iktar 'il ġewwa. Milli jidher dan ma kienx l-aħjar post għalihom għax l-inbieħ tal-klieb beda jdejjaq lill-membri l-oħra kif ukoll lill-ġirien. Huma jirrakontaw li min jaf kemm il-darba kien jiġi l-Ispettur u jgħidilhom biex jitilqu 'l barra bil-klieb ħalli ma jdejqu l-ħadd għax kien xeba` jisma` lmenti. Filfatt ġew trasferiti għal darb'oħra f' xi garaxxijiet fis-*CID Yard* in-naħa ta' fejn illum insibu l-*lock-up.* Meta telqu l-Ingliżi minn Malta huma jirrakkontaw kif il-Korp ħa f'idejh fejn illum jinsab il-garaxx tal-Pulizija u s-Sezzjoni tal-Klieb kienet ġiet trasferita f'Sa Maison *Ditch* fejn damu hemm sa Frar tal-1995.

Lejn l-aħħar ta' s-snin tmenin, inħasset il-ħtieġa li f'Malta ukoll tiġi introdotta s-Sezzjoni tal-Klieb fi tfitxxija għall-kontra s-sustanzi llegali ta' drogi. Dan peress li dan it-tip ta' reat beda jiżdied. Ftit snin wara ġew introdotti ukoll il-klieb fit-tfittxija għal materjal splussiv u armi tan-nar. L-ammont ta' klieb u ta' Pulizija baqa` dejjem jikber. Peress li x-xogħol ta' din is-sezzjoni beda jiżdied u l-professjonalita` f'dan il-qasam beda jiżdied fil-livell tiegħu, fit-12 ta' Frar tal-1995, is-Sezzjoni tal-Klieb ġiet trasferita ġewwa parti mill-fortizza tal-Mosta. Post mill-isbaħ fejn jixraq lil sezzjoni bħal din. Għaz-zamma u l-aċċess għat-taħriġ tal-klieb, dan huwa post mill-aqwa, post li għadna ngawdu sal-lum.

Kien hemm żmien fejn din is-sezzjoni kienet bdiet tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali. Din is-sezzjoni kienet taħt ir-responsabbilita` ta' diversi Spetturi fosthom l-Ispettur James Druly u l-Ispettur Saliba. Skond Ferriġġi, l-Ispettur Druly kien mar ħa taħriġ fuq klieb tal-Pulizija ġewwa l-Ingilterra u wara l-Ispettur, mar ukoll l-ex Surġent 1021 Anthony Gatt li wara laħaq Surġent-Maġġur. Taħt dan is-Surġent Gatt, skond Azzopardi u Borg, is-sezzjoni bdiet tavvanza aktar minħabba li kien ġab miegħu taħriġ ġdid. Beda jsir *tracking* bil-klieb għal nies mitlufa jew maħruba u għal xi affarijiet oħra bħal armi tan-nar. Tajjeb li niftakru li dak iż-żmien kien hawn ħafna inqas bini milli hawn illum u n-numru ta' vetturi kien verament baxx. Ikun interessanti li kieku jkollna l-opportunita` li nitkellmu aktar fid-dettal mal-ex-Surġent-Maġġur Gatt. Is-Sur Ferriġġi – l-ewwel Kuntistabbli stazzjonat id-*Dogs Section* - stqarr li hu personali kien mar ħa taħriġ mal-Ingliżi fuq *tracking* u ubbidjenza bil-kelb mar-*Royal Army Veterinary Corps* (RAVC) li kellhom il-klieb tagħhom. Ferriġġi jispjega li mhux il-klieb kollha kien jirnexxielhom jagħmlu dan ix-xogħol għalhekk kienu jkunu ħafna selettivi biex jagħżlu l-aħjar klieb. Dan it-taħriġ għas-Sur Ferriġġi kien utli ħafna u kienet esperjenza unika u pożittiva għas-sezzjoni tal-klieb inġenerali.

L-ewwel klieb minn tal-bidu kienu ġabuwhom minn ċertu wieħed li kellu ħanut tal-laħam mill-Ħamrun magħruf bħala Ta' Ċesula. B'wiċċu mkemmex jgħid li ma kienu xi klieb sbieħ ħafna għax għalkemm kienu tar-razza *German Shepherd* ma tantx kellhom statura sabiħa. Is-Sur Ferriġġi jgħid li l-ewwel żewġt iklieb kien jisimhom Duke u Drake, għall-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-Sur De Gray. Semmew ukoll li kienu jġibu l-klieb kważi dejjem b'donazzjoni, bħal xi kelb li jkun weġġa' xi nies jew ħarbat xi razzett annimali. Maż-żmien kienu ħadu xi klieb li kienu jużaw l-armata Ingliża f'Malta iżda dawn kienu *war dogs*. Ma tantx kienu klieb li stajt tgħallem ħafna għax kienu mgħallma biex litteralment joqtlu u għalhekk ftit kienu dawk li addattaw rwiehom għax-xogħol tal-Pulizija.



Ex Pc 1360 Alfred Borg u Ex Pc 1116 Alfred Azzopardi

Ix-xogħol tas-Sezzjoni tal-Klieb kien dak li jagħmlu ronda bil-klieb u kellhom ukoll numru ta' *fixed points* bħal ma semmewli mal-vilel ta' Ta' Xbiex , il-*Yacht Marina f'Manoel Island*, il-Ħabs li anke kienu bnew xi *kennels* fih stess kif ukoll mal-ajruport ta' Malta l-antik. Ta' min isemmi li l-Pulizija kienu jkunu litteralment fil-*grounds* fejn ikunu l-ajruplani biex ħadd ma jipprova jagħmel xi ħaġa peress li dak iż-żmien kien diżabitat. Is-sezzjoni tal-Klieb mhux dejjem kellha l-vetturi tagħha. Kien hemm żmien li jew kienu joħorġu bil-mixi għax-xogħol jew inkella xufier mill-garaxx b'vettura tal-għamla *Land Rover* kien imur iwassalhom u jħallihom fuq il-post u jekk ma jinqala` xejn jerġgħu jmorru għalih. Is-Sur Azzopardi jispjega li dak iż-żmien, ma kienx hawn telefonija jew *mobiles* bħal lum u għalhekk ħadd ma kien jgħidlek li mhux ġejjin għalik. Kemm il-darba damu jistennew jew saħansitra jispiċċaw imorru lura bil-pass anke mill-ajruport. Minn wiċċhom stajt nara li ċertu ċirkostanzi ma kienux faċli u kienu jagħmlu ħafna sagrifiċċji. Is-Sur Ferriġġi qal ukoll li minn kellu vettura privata ġieli kien jgħabbi l-kelb fiha u jmur fuq il-post tal-għassa tiegħu. Huwa kompla jispjega kif dak iż-żmien il-mezz ewlieni ta' komunikazzjoni kien ir-*redifusion*. Madwar Malta kien hawn diversi arbli li kienu jwasslu din is-sistema mal-irħula. Meta kienet inqalgħat il-kwistjoni politika bejn xi partiti u l-Gvernatur Ingliż kien ikun hemm xniegħat li se jsiru xi ħsarat mal-arbli prinċipali biex iwaqqfu dan il-mezz ta' kommunikazzjoni lejn diversi bliet u rħula Maltin. Kien għalhekk li kienu jintbagħtu l-Pulizija bil-klieb biex jgħassu dawn l-arbli u xi apparat ieħor.



Ex Pc 861 Salvu Ferriġġi

Meta staqsejt dwar xi sitwazzjoni bil-klieb li ma jinsew qatt, Azzopardi mill-ewwel ftakar f'waħda li għadda minnha hu stess. Kien eżattament lejliet il-Milied filgħaxija meta kulħadd qabel joħroġ fuq xogħlu fi żmien ta' festi kienu qed jieħdu xarba flimkien u

daħlet informazzjoni li hemm bżonn l-assistenza tal-klieb tal-Pulizija. Azzopardi u oħrajn marru mill-ewwel fuq il-post fejn sabu aggressur b'żewġt iskieken kbar waħda f'kull id jipprova jidħol f'dar Ministru ta' dak iż-żmien. It-tensjoni kienet kbira u Azzopardi beda jersaq lejh bil-kelb. Wara li tah it-twissijiet tas-soltu, l-aggressur ma ikkoperax mal-Pulizija. Il-kelb għamel l-intervent tiegħu fejn wara li qabad ma idejn l-aggressur dan kien pront laqat il-kelb b'sikkina li kellu f'idejh l-oħra, il-kelb kellu jmur jingħata l-kura fejn saħansitra sarulu xi punti. Meta wasal fuq il-post is-Surġent Gatt, l-għajta kienet diġa` ħarġet li l-kelb kien miet, iżda s-Surġent irnexxielu jipperswadi lil aggresur biex ma jkompliex jiggrava s-sitwazzjoni u filfatt, wara ftit ċeda. Il-kelb ma kienx miet imma kellu jingħata kura minn wieħed mill-ftit veterinarji li kien hawn dak iż-żmien.

Sitwazzjonijiet u esperjenzi jkunu ħafna iżda kif qalu huma stess, maż-żmien dawn jintnesew.

Bi tbissima lejn xulxin stajt nifhem li kien ġej xi rakkont umoristiku meta semmew il-kelb bl-isem ta' Dingu. Dan il-kelb kien jiekol u jibla s-soldi. Meta kien ikun f'xi attivita` tal-massa u nies jitfgħu s-soldi, dan kien jiblagħhom. Anke meta kien ikun għassa l-ajruport erħilhom xi uffiċjali oħra jitfgħu s-soldi 'l bogħod u dan il-kelb kien imur jiġri u jiblagħhom. Iżda wara pawza stqarrew li dawn is-soldi kien jgħaddu mis-sistema diġestiva tal-kelb sħaħ, u minn jaf kemm ħalsu te jew kafe bihom!! Isem dan il-kelb kien jibda bl-ittra D mhux b'kumbinazzjoni, għax bħal l-ewwel żewġt iklieb Duke u Drake, it-tradizzjoni kienet li isem il-kelb ikun jibda bl-ittra ta' kunjom il-Kummissarju preżenti li dak iż-żmien kien is-Sur De Gray. Maż-żmien din it-tradizzjoni spiċċat għalkemm mill-ftit li naf jien, il-Kavallerija għadha żżomm din it-tradizzjoni sal-ġurnata tal-lum.

Ma stajtx ma nsaqsix jekk il-klieb kienux jieklu soldi biss biex nkompli ċ-ċajta magħhom. Is-Sur Ferriġġi jispjega li fil-bidu kienu jitimgħu lill-klieb billi jixtru xi partijiet tal-annimali minn għand ħanut tal-laħam - iktar għadam milli laħam. Azzopardi spjega kif maż-żmien imbagħad bdew jmorru jixtru laħam taż-żiemel u fdalijiet ta' annimali oħra mis-suq tal-Belt. Ma' dan kienu jħalltu ukoll ħaxix mixtri mill-pitkalija u tipi ta' għaġin. Minn iħallat l-iżjed milli jidher għax ġieli anke xi riċetta bil-ħut kellhom.

Is-sehem tal-Klieb tal-Pulizija f'attivitajiet li kien jorganizza l-Korp imur lura żmien twil. Azzopardi u Borg spjegaw kif kienu jagħmlu wirjiet bil-klieb ix-*Chalet* tas-Sliema u x-Xagħra tal-Floriana fejn kienu jiġbru t-tfal tal-iskejjel. Il-klieb kienu jgħaddu minn ċrieki tan-nar, minn taħt xi mina u jispiċċaw b'xi dimostrazzjoni ta' arrest bl-għajnuna tal-kelb. Dawn il-wirjiet minn dejjem kienu jkunu mistennija mill-pubbliku u dan għadu sal-ġurnata tal-llum. Is-sehem tal-klieb kien ikun ukoll meta kien jiġi xi membri ta' importanza bħal xi mexxej jew ambaxxatur ta' xi pajjiż barrani. Kemm il-livell kif ukoll l-preżenza tal-klieb kienet tjiebet. Kelb partikolari jismu Luke kellu statura u wiċċ mill-isbaħ. Dan Luke kien jidħol f'kompetizzjonijiet privati għas-sbuħija (bil-permess tal-Korp), u dejjem kien jirbaħ l-unuri kollha. Il-pajżana li kienu jieħdu sehem ma kienux jieħdu gost għalhekk maż-żmien il-klieb tal-Pulizija ma baqgħux jieħdu aktar sehem. Dak iż-żmien is-Sezzjoni tal-Klieb kellhom l-istess uniformi bħal kull membru ieħor, pero l-*handlers* tal-klieb kienu jmorru jixtru ġakketa u qalziet tal-*jeans* u kien ikollhom qmis tal-Pulizija minn taħt u kienu joħorġu għax-xogħol bihom. Tinstema` stramba iżda kien hemm iż-żmien li l-uniformi kienet ċara wisq biex taħdem bil-kelb għalhekk kienu ħolqu din l-uniformi li kienet tiflaħ għax-xogħol u biha jidhru aktar nodfa.



Dog Section Quarters illum fil-Mosta

Kif forsi indunajtu milli qrajtu s'issa, tistgħu tapprezzaw kemm hija sabiħa l-istorja ta' kull sezzjoni u mhux inqas dik tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Dan l-artiklu huwa biss ftit mill-ħafna. Ninsab ċert li għad baqa` ħafna xi nsiru nafu. Nixtieq li nirringrazzja minn qalbi lil dawn it-tlett ex-kuntistabbli li qasmu dan it-tagħrif miegħi biex nkun nista` ngħaddih lilkom, kif ukoll lill-Editur tal-magażin tal-opportunita` li tani. F'ħarġiet oħra ser nesploraw ftit fil-fond id-diversi taqsimiet li għandna fid-*Dogs Section.*

Nixtieq nieħu l-opportunita` li jekk hemm xi ex membri mill-Korp li kienu jagħmlu parti mis-Sezzjoni tal-Klieb fil-passat u lesti jaqsmu xi tagħrif jew xi ritratti antiki, dan ikun apprezzat ħafna.

Grazzi u tislijiet.

magazine.police@gov.mt

# ATTIVITAJIET B'RABTA MA' JUM IL-PULIZIJA – 2012

Il-Korp tal-Pulizija bħal kull sena ser jorganizza attivitajiet li ser jimmarkaw il-198 anniversarju mill-fondazzjoni tal-Korp 1814 – 2012

**4 ta' Lulju 2012**
1930hrs – 2130hrs
*Akkademja tal-Pulizija Sant' Iermu*
Riċeviment għall-membri tal-Korp tal-Pulizija u Pulizija pensjonanti

**6 ta' Lulju 2012**
1030hrs
*Belt Valletta*

Marċ tul Triq ir-Repubblika u kunċert mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija
Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti ukoll żwiemel tal-Kavallerija u mutur tat-Traffiku

*Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija*

**6 ta' Lulju 2012**
1900hrs – 2300hrs
u
**7 ta' Lulju 2012**
0900hrs – 1300hrs

***Open Day***

Wirja ta' vetturi antiki u moderni użati mill-Pulizija
Wirja permanenti ta' ritratti dwar il-ħidma tal-Pulizija
*Information desk*
Mużew tal-Pulizija u tal-Kriminalita`
*Shelter Museum*
*Pet show*
Banda tal-Korp tal-Pulizija
*Precision Drill Team*
Preżenti ukoll żwiemel tal-Kavallerija u mutur tat-Traffiku

**7 ta' Lulju 2012**
2030hrs
*Buġibba*

Marċ tul *Islet Promenade* u kunċert mużikali f'Misraħ il-Bajja mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija
Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti ukoll żwiemel tal-Kavallerija u mutur tat-Traffiku

**8 ta' Lulju 2012**
0900hrs

Quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata
Servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni

2030hrs
*Marsaskala*

Marċ tul Triq ix-Xatt u kunċert mużikali fi Pjazza Mifsud Bonnici
mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija
Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti ukoll żwiemel tal-Kavallerija u mutur tat-Traffiku

**10 ta' Lulju 2012**
1930hrs – 2130hrs

*Akkademja tal-Pulizija Sant' Iermu*
Riċeviment għall-membri tal-Korp tal-Pulizija u Pulizija pensjonanti

**12 ta' Lulju 2012**
0900hrs
Gwardja tal-Unur
Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Belt Valletta

1130hrs
Għoti ta' medalji u ċertifikati għal servizz twil u effiċjenti, ta' mertu, f'għeluq il-25 sena servizz jew aktar

2000hrs
*Akkademja tal-Pulizija Sant' Iermu*
Riċeviment għall-fizzjali tal-Korp tal-Pulizija

**17 ta' Lulju 2012**
0900hrs – 1700hrs
*Għassa tal-Pulizija, Rabat (Għawdex)*
*Open Day*

1800hrs
Quddiesa għall-Pulizija Għawdxin/Pensjonanti fil-Kappella taċ-Ċimiterju
ta' Santa Marija, ix-Xewkija, Għawdex
Servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni

2000hrs
*Marsalforn*

Marċ tul Triq Mikelang Refalo u kunċert mużikali fil-Menqa mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija

Wirja mill-*Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb

Preżenti ukoll żwiemel tal-Kavallerija u mutur tat-Traffiku

Riċeviment għall-Pulizija u Pulizija pensjonanti Għawdxin

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija



CMRU at POLICE
Sent: Mon 13/02/2012 16:21
From: Tracy Grech
To: CMRU at POLICE
Cc:
Subject: A big thanks
Attachments:

To whom it may concern,

I just wanted to thank the policemen, on behalf of the victims who were involved in the Haz-Zebbug gas explosion, who were on duty today on the 13th February 2012, especially the policemen who was answering the 191 calls and the mobile squad who was on duty in the afternoon. I called 191 as soon as I heard the explosion and men shouting to inform them about the accident and to phone the ambulance since I forgot the ambulance telephone number with the fright I had. The mobile squad policemen arrived in less than 5 minutes and thanks to them the ambulance arrived a few minutes afterwards. They really did an excellent job!!

A big thanks on behalf of the victims, the persons who were working in their garages next to them and us neighbours.

best regards,

TOMMY HILFIGER

Inspector Saviour Baldacchino
Msida Police Station
Msida

29 February 2012

Dear Inspector Baldacchino,

May I take this opportunity to congratulate you and your team on your commitment to catch and imprison the Romanian gang that had been stealing from our retail stores.

Seeing you work with focus and dedication to catch these criminals and do the utmost to convict them and remove them from our streets was encouraging to witness.

Please extend our congratulations and thanks to your fellow colleagues.

Kind regards,

Jonathan Shaw
Trilogy ltd
Managing Director

Cc: Police Commissioner
Police Headquarters, Floriana

CMRU at POLICE
Sent: Thu 29/03/2012 21:36
From:
To: CMRU at POLICE
Cc:
Subject: Re: Ir-Rapport Tieghek Wasal u Ddahhal fis-Sistema
Attachments:

Lill-Kumissarju tal-Pulizija

Sinjur,
Sfortunatament kultant l-isem tal-Korp tal-Pulizija jittebba' htija tal-imgiba hazina ta' xi membri. Fortunatament dawn l-individwi huma minoranza. Fil-Korp tal-Pulizija l-maggoranza tal-membri huma nies professjonali li dejjem lesti jghinu lic-cittadini.
Dalghodu kelli ncident barra d-dar tieghi fejn gejt aggredit minn kelb tal-girien. Meta mort l-ghassa ta' Hal Balzan biex naghmel rapport, sibt lid-'duty sergeant' P.S. 839, Stephen Micallef.
Nixtieq infahhar il-mod professjonali kif is-surgent Micallef ittratta l-kas tieghi. Bqajt impressjonat bil-professjonalita', id-determinazzjoni u l-edukazzjoni ta' dan il-membru tal-korp.
Is-surgent Stephen Micallef verament jaghmel unur lill-Korp tal-Pulizija.
Grazzi

'ID-DAR TAL-PROVIDENZA' THANKS THE POLICE FORCE

APS Bank 200 005 17554
Banif Bank 00212065181
Bank of Valletta 117 022 45152
HSBC 044 002 873 050
Lombard Bank 014 413 00171

From: Portelli Mary at EDUC-SCH
Sent: Thu 23/02/2012 14:17
To: Rizzo John at POLICE
Cc: Zammit Raymond G at POLICE; Galea Simon at MHPA; Mifsud Josric at MHPA; Tabone Frank A at MHPA; Nadur Local Council at DLG
Subject: Karnival tan-Nadur

Lil Kummissarju tal-Pulizija

Nixtieq nirringrazzjak tas-servizz eccellenti li l-pulizija tad-distrett ta Ghawdex taw matul il-granet tal-Karnival fin-Nadur.Kellna hamest ijiem ta attivita fir-rahal u nista nghid li f'kull mument kien hemm prezenza ta pulizija. Il-Karnival tan-Nadur jattira hafna nies mhux biss minn Ghawdex imma anke Maltin u barranin. Kien importanti hafna li l-prezenza tal-pulizija specjalment matul il-granet tal-Gimgha Sibt u Hadd.

Qabel il-karnival il-kunsill kien f'kuntatt mas-Superindent Simon Galea u ma l-Ispetturi Josric Mifsud u Frank Tabone. Saret laqgha ukoll ma l-Assistent Kummissjaru dwar l-andament tal-attivita kif ukoll fuq it-tqassim tat-traffiku. Nista nghid li l-kunsill huwa sodisfatt hafna ta kif marru l-affarijiet. Kien hemm l-ordni waqt attivita li hija meqjusa spontanja. L-partecipanti huma sodisfatti u r-residenti huma kuntenti minnhabba li giet osservata l-ligi. Nemmen li l-Karnival irnexxa ghax sar il-homework tajjeb.

Nixtieq nirringrazzja b'mod specjali lil Assistent Kummissjaru Raymond Zammit, is-Superindent Simon Galea l l-ispetturi Josric Mifsud u Frank Tabone li ghenuni hafna. Matul il-hamest ijiem tal-karnival dejjem kien hemm il-prezenza taghhom flimkien mal-pulizija. U sibt kollaborazzjoni shiha minnhom.

Il-korp tal-pulizija huwa wiehed mill-aktar entitajiet li jikkollabora maghna bhala kunsill u jghinna meta tinqala xi diffikulta u dan jghamluh b'serjeta kbira. Mhux biss meta ikollna xi attivita imma matul is-sena kollha.

Ghalhekk hassejt li ghandi nikteb din n-nota biex nirringrazzjak tas-servizz tajjeb li l-pulizija qed jaghti lil lokalita tan-Nadur.

Miriam Portelli
Sindku



The Commissioner of Police
Mr. John Rizzo
Police Headquarters
FLORIANA

Dear Sir,

I would like to highly commend PS 65 and PC 7 who man the Gzira Police Station for the excellent service they offer the community of Gzira. It is indeed a pleasure to feel that these two officers are very approachable and carry out their duty to the fullest.

May I also take this opportunity to mention PS 521 (not very sure of the number) who was on duty recently at Castille Square for, very politely yet very firmly, asking a group of Italian tourists to wear their tops in Valletta while visiting our capital city. I immediately complimented him as I wanted him to realise that, though he was carrying out his duty nevertheless his action did not go unnoticed.

Members of the Police Force on the whole are serious, hard-working and competent and I feel that it is also our duty as citizens to give credit where credit is due! Furthermore, I wish to add that they are a real asset to the Police Force and certainly render honour to the uniform they wear.

Whilst expressing my sincere thanks and appreciation to you Sir, for the sterling work you do to give us citizens all the protection necessary and make Malta a wonderful place to live in!

Kind regards,

Anna R. Greech (Mrs.)

BOV
Bank of Valletta

08th March, 2012

The Commissioner of Police
Police Headquarters,
Floriana.

TO WHOM IT MAY CONCERN

We would like to show our appreciation towards PC 986 Mr Paul Spiteri for the excellent service provided during guard services performed at the Rabat – Bank of Valletta Branch.

Needless to say, he is a role model giving a very good reputation towards the Police Corps.

Josette Grixti
Manager Personal Banking
Rabat Branch

Att: Insp Carol Fabri
Birkirkara Station.

Dear Inspector

This is a letter to record my appreciation to you and all your colleagues who helped me to recover goods and property that had been removed without my knowledge from the above address. Thankfully most of the items have been returned and are still in good and serviceable condition.

The sensitive and correct way that yourself and your colleagues have dealt with this problem gives me hope that procedures will always be along the same lines.

Yours with Thanks.
John Swift
MR JOHN SWIFT.

...UZIKALI SANTA KATARINA V.M.

15 ta' Marzu 2012

CEPOL

31 January 2012

TO WHOM IT MAY CONCERN

Dear Sir/Madam

APPOGG

11ta' Jannar, 2012

Nancy Portelli
Haddiema Soċjali
Looked After Children Service

Is-Sur Charles Scerri
Service Area Leader
Looked After Children Service

# Is-Segway Patrollers

kitba u ritratti ta' PC 256 Kurt Bugeja Coster – Uffiċċju tal-Għassa l-Belt






Kienu bosta dawk li kienu xettiċi dwar il-prattiċita` tagħhom, iżda llum, hekk kif joqorbu l-ewwel sena ta' servizz fil-Korp, is-*Segway Patrollers* saru storja ta' suċċess hekk kif issuperaw kull aspetattiva.

Ironikament, l-introduzzjoni tagħhom fil-Korp kienet waħda turbolenti minħabba nċertezza dwar teknoloġija li dak iż-żmien kienet innovattiva. Barra minn hekk, l-ewwel darba li ġew issuġeriti dawn il-vetturi, dak iż-żmien bil-għan li jintużaw f'rondi mal-bajjiet, l-ideja tpoġġiet fuq l-ixkaffa peress li kienu għadhom kif ġew introdotti r-roti.

Kellhom jgħaddu s-snin biex reġgħet tqajjmet l-ideja li jiġu ntrodotti dawn il-vetturi. Ġie deċiż li tiġi esplorata l-possibilita` li jinxtara dan l-apparat wara suġġerimenti minn individwi kemm fil-Korp kif ukoll pajzana, kif ukoll ir-rejalizazzjoni li dan l-apparat kien qed jintuża minn forzi tal-ordni barra minn pajjiżna.

Kien għalhekk li wara korrispondenza bejn il-Korp u d-dipartimenti tal-Gvern konċernati, kif ukoll l-investiment ta 'eluf ta' ewro, li f'nofs s-sena l-oħra ġew allokati żewġ *Segway Patrollers* lid-distrett numru wieħed, dak li jkopri il-Belt Valletta, kif ukoll il-Furjana u parti mill-Marsa.

Minkejja li l-introduzzjoni ta' dawn il-vetturi, dak iż-żmien bi prova, kienet qanqlet il-kurżita` tal-membri tal-Korp, il-pubbliku ħares lejhom kemmxejn bl-ikraħ.

Il-maġġoranza ta' kummenti fuq sit ta' gazzetta prominent kienu kkritikaw is-*Segway Patrollers,* kultant anke bi ħruxija, minħabba, fost affarijiet oħra, l-prattiċita` tagħhom fil-qadi ta' dmirijietna.

Madankollu, dan ma waqqafx lil żewġ kuntistabbli magħżula bħala rikkieba ta' dawn il-vetturi. PC 780 Ian Camilleri u PC 614 Stielike Pullicino, li dak iż-żmien kien għad kellhom biss madwar sena servizz, milli jagħmlu r-rondi b'unur kbir wara kors ta' taħriġ.

"Mal-ewwel ġurnata li ħriġna nibtet ċertu kurżita` fin-nies u minkejja l-kritika li deheret fil-midja kienu ħafna dawk li waqfuna u għadhom iwaqfuna biex isaqsu fuq il-vetturi, kif jaħdmu u kif jintużaw f'xogħolna," jgħid il-Kuntistabbli Camilleri.

"Iżda l-aktar li jaffaxinaw ruħhom huma t-tfal, ħaġa li qed nipprofittaw minnha billi qed niġu ddettaljati wkoll ma' skejjel biex nibbenifikaw mill-kurżita` tagħhom u, għalhekk, ninstigaw rispett lejn il-Pulizija tal-komunita` li naqdu."

Huwa nterressanti wkoll li anke turisti jiskantaw bil-vetturi u jkellmu r-rikkieba, li issa min jaf kemm il-darba ttieħed ritratt tagħhom.






jgħaddu minn din iż-żona mingħajr xkiel u jkunu tal-ewwel fuq il-post", tispjega s-Supretendent Mamo.

Filfatt huwa ppro-vat li dawn il-vetturi jaslu f'post f'inqas ħin minn dawk sejrin bil-mixi u b'aktar viżibilita` peress li huma ver-satili u manuvrab-bli filwaqt li jistgħu jinstaqu fuq uċuħ varji, kemm barra kif ukoll ġewwa.

"Hawnhekk naraw li huwa minnu dak li tgħid il-kumpanija li timmanifaturhom, *Segway Incorporate,* ċioe li l-vetturi saru l-aqwa għodda għall-ħarsien tal-komunita` minħabba l-kapaċita` tagħhom għal aktar interazzjoni mal-pubbliku u, saħansitra, aktar ġbir ta' informazzjoni," tgħid is-Supre-tendent Alexandra Mamo, inkarigata mid-distrett numru wieħed.

Filfatt, ir-reklamar ta' din l-istess kumpanija hija iffokata fuq dan il-kunċett ibbażat fuq ideoloġija li nibtet ftit inqas minn mitejn sena ilu mal-introduzzjoni tal-*Metropolitan Police mill-Home Secretary* Robert Peel. Dan il-politiku, li sussegwentament inħatar Prim Ministru tar-Renju Unit, kien ħareġ bit-teorija famuża li "il-Pulizija huma pubbliku u l-pubbliku huwa l-Pulizija".

Fuq nota ambjentali, il-vetturi huma ċċertifikati sikuri għall-ambjent minħabba li jaħdmu fuq batterija li sservi madwar tmien sigħat qabel ma trid tiġi ċċarġjata mad-dawl. Kawża ta' hekk, ma jarmu l-ebda emissjonijiet, filwaqt li l-ħoss tagħhom huwa minimu, jekk mhux pjaċevoli.

Pero` barra minn hekk, hemm ukoll vantaġġi marbutin ukoll mad-distrett konċernat.

"Minkejja li l-Belt Valletta hija iżgħar minn mil kwadru, konna qed insibu diffikulta` naslu f'post malajr bil-karozzi minħabba li l-qalba tal-lokal issa hija żona pedonali. Is-soluzzjoni ġiet mal-introduzzjoni ta' dawn il-vetturi li jistgħu

Dan minħabba li dan l-apparat jirrispondi nstantanjament għall-movimenti tal-ġisem. Infatti, biex wieħed jimxi kemm 'il quddiem, lura, kif ukoll idur, kull ma jrid jagħmel huwa li jitfa` l-piż tiegħu lejn dik id-direzzjoni li jixtieq imur. Iktar ma tintefa` lejn naħa, iktar iżżid il-veloċita`.

U hekk kif qed insemmu l-veloċita`, ta' min wieħed iżid li l-massimu li jistgħu jilħqu dawn il-vetturi huwa għoxrin kilometru fis-siegħa, bejn wieħed u ieħor daqs ġirja ta' mil f'ħames minuti.

Barra minn hekk, instab ukoll li huma kapaċi wkoll jikkon-trollaw folloI wara li studji xjentifiċi skoprew li persuna riekba fuq wieħed minn dawn il-vetturi tikkontrolla disgħa darbiet il-medja ta' art ikkontrollata minn xi ħadd għaddej bil-pass. Barra minn hekk, ir-rekkieba jibbenifikaw minn viżibilita ferm akbar minħabba li huma maqtugħin mill-art.

"Hemm ukoll l-involviment tagħhom f'avvenimenti nazz-jonali u huwa issa li għaddejna mill-akbar attivitajiet tas-sena li rajna l-potenzjal ta' dawn il-vetturi."

Filfatt, kienu dawn l-istess vetturi li skortaw il-President ta' Malta Dr George Abela sa' Pjazza San Ġorġ fi tmiem il-maratona organizzata b'risq il-*Community Chest Fund* is-sena l-oħra, fost l-għexieren ta' attivitajiet li seħħew fil-belt kapitali ta' pajjiżna.

Għalhekk, is-Supretendent Mamo għandha biss kliem ta'

tifħir għall-dawn l-vetturi u tħossa onorata li l-ewwel tnejn li ġew introdotti fil-Korp kienu fdati f'idejha. Tħossa ukoll kemmxejn ixxurtjata li dan l-apparat inxtara għad-dispożizzjoni tad-distrett li hija responsabbli minnu.

"Tant saru kruċjali għad-distrett li hemm il-ħsieb li jiġu appuntati wkoll żewġ *relievers* biex jissostitwixxu r-rikkieba propja meta dawn ma jkunux xogħol."

Sodisfatt ukoll minn dawn il-vetturi huwa l-Ministru għall-Intern u Affarijiet Parlamentari Dr Carm Mifsud Bonnici LLD. Waqt id-diskors tiegħu fuq il-*budget,* kien saħansitra ħabbar li l-Gvern kien qiegħed jikkunsidra x-xiri ta' aktar vetturi għall-Korp, filwaqt li esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-mod kif kienu qed jintużaw fil-Belt Valletta.

Għal min jaħseb li r-rikkieba ma jistgħux jinżlu minn fuq il-vetturi u jħalluhom warajhom biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa miċ-ċirkostanzi ta' dak il-ħin huma żbaljati għal kollox. Arloġġ fuq idejhom jippermettihom isakkru l-mutur tal-vetturi filwaqt li jinxtel *alarm* kontra kull attentat ta' serq.

Il-vetturi huma wkoll armati b'*beacon lights* ħomor u blu u faċċata riflessiva. Ir-rekkieba jibbenifikaw ukoll minn basket man-naħa ta' ġewwa biex iġorru l-apparat tagħhom u strutturi tal-ħadid mal-ġnub biex jipproteġuhom.

Xi ftit kontroversja pero` qamet fuq l-uniformi ta' dawn il-Pulizija, li hija l-istess bħal ta' ħaddieħor fid-distrett għajr *helmet* abjad bl-arma tal-korp fuq quddiem u kaxxi blu mal-ġnub. Forsi ta' aktar kumdita` għal dawn l-istess Pulizija kienu jkunu l-*combat boots u trousers u polo shirt* fis-sajf.

Sadattant, jekk kellu jiżdied in-numru ta' dawn il-vetturi fejn jistgħu jintużaw? Huma bla dubju addattati f'sezzjoni tal-Korp li jagħmlu rondi bil-pass, speċjalment fuq distanzi twal, sezzjonijiet li fis-snin li ġejjin jafu jingħaqdu ma' din ir-revoluzzjoni fil-Korpi dixxiplinati li minn barra minn xtutna issa waslet f'pajjiżna wkoll.

kurt.bugeja-coster@gov.mt

Advert

# Is-Surġent Maġġur 1219 Carmel Zammit – 43 sena servizz fil-Korp tal-Pulizija

Surgent Maggur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Generali
WPC 280 Louise Camilleri -CMRU

L-intervista, li kultant minn żmien għal ieħor insiru nafu aktar mill-viċin xi membru ieħor tal-korp; din id-darba ser nagħmluha lis-Surġent Maġġur 1219 Carmel Zammit li kien daħal fil-Korp tal-Pulizija kważi 43 sena ilu, propju fit-22 ta' Settembru, 1969 meta kien għad għandu 18-il sena.

Is-Sur Zammit qalilna li huwa minn dejjem kien xtaq li jidħol fil-Korp tal-Pulizija bl-ewwel għan sabiex jagħti servizz lill-pajjiż, u għaliex kienet toġġħbu wkoll dik is-sistema ta' dixxiplina li permezz tagħha l-Korp jiffunzjona b'mod differenti minn oqsma oħrajn li qegħdin hemm sabiex jagħtu servizz. Meta daħal kien ġie stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Bormla, fejn hemmhekk għamel madwar sena u nofs. Wara kien ġie trasferit għad-Distrett tal-Belt fejn hemmhekk għamel xi żmien mal-'*Water Police*'. Is-Surġent Maġġur qalilna li l-aktar post li fih kien dam stazzjonat kien fid-distrett ta' Ħal Qormi, raħal twelidu. Hemm kien qatta' madwar 28 sena. L-ewwel sitt snin huwa kien serva f'dan id-Distrett bħala Kuntistabbli iżda min-nhar it-2 ta' Lulju, 1988 huwa kompla jaqdi d-doveri tiegħu bħala Surġent għal madwar 22 sena.



F'Novembru tal-2008, kien ġie promoss għal kariga ta' Surġent Maġġur u hawnhekk ġie trasferit fis-Sezzjoni tal-mekkanika ġewwa l-*garage* tal-Pulizija, fejn minn hawn huwa temm il-kariga hekk twila u sabiħa fi ħdan il-Korp.



Mistoqsi dwar xi esperjenza partikulari li jibqa' jiftakar minħabba l-partikularita' tagħha f'dan iż-żmien li serva fil-Korp, hu qalilna li jekk taqbad issemmi, mhux waħda jew tnejn hemm mill affarijiet millijiftakar, iżda ħafna u ħafna stejjer u esperjenzi oħra li fil-maġġoranza tagħhom huma ta' niket u qsim il-qalb. Tnejn minn dawk traġiċi u partikulari minn oħrajn, li jiġuh mill-ewwel quddiem għajnejh huwa meta fis-sena 1979 kien waqa' l-ajruplan tat-tip Vulcan tar-Royal Air Force, Ħaż-Żabbar u kien preżenti ukoll meta kien waqa' s-saqaf tas-Supermarket 'Save on' ġewwa Raħal Ġdid. Ma' dawn u mhux b'inqas, id-diversi okkazzjonijiet li kellu meta kienet ittir xi karma tan-nar u hu kien ikollu jkun preżenti fuq il-post tad-disgrazzja. Dan minħabba li d-distrett ta' Ħal Qormi kien u għadu jkopri l-aktar numru ta' kmamar tan-nar fil-konfini tiegħu.

Biex fl-aħħar tal-ġurnata tiegħu fis-servizz jagħlaq dan il-kapitlu b'akkoljenza; bi ftehim mal-membri tal-familja għamel quddiesa ta' radd il-ħajr ġewwa l-Knisja tas-Sagħjtar li tinsab fil-limiti tan-Naxxar. Il-Quddiesa kienet iċċelebrata minn Fr. Dott. Raymond Zammit li jiġi t-tifel tal-Maġġur Zammit li kkonċelebra miegħu il-Kappillan tal-Korp Patri Raymond Bonnici OFM Cap. L-organista li animat din iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr kienet ukoll l-istess bint il-Maġġur. Preżenti għal

Minn żmien għall-ieħor kull darba ngħaddu minn dik l-esperjenza li bħal maż-żmien jiġi u jgħaddi fuq kollox u għal kulħadd, hekk ukoll jgħaddi biex itemm perjodu twil mhux ħażin ta' snin li wieħed ikun ta bħala servizz lejn pajjiżu. Nhar it-22 ta' Diċembru 2011, kienet l-aħħar ġurnata li PC 237 Ġanni Camilleri deher liebes l-uniformi ta' Pulizija li kien ilu jilbes għal dawn l-aħħar kwazi 40 sena. Mhux qed nikteb dan l-artiklu minħabba li xi ħadd beda u temm servizz hekk twil fil-Pulizija; għax dawn kienu ħafna ! Iżda għal mod ta' kif ġiet l-idea li propju fl-aħħar ġurnata tiegħu, temm din il-ħidma b'quddiesa privata ta' radd il-ħajr, għand is-Sorijiet Agostinjani, li jinsabu biswit l-Għassa ta' Ħal Qormi – il-post fejn il-Kuntistabbli Camilleri serva matul dawn is-snin kollha, għajr għal xi perjodu ċkejken.



Il-Quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Patri Raymond Bonnici OFM Cap., fejn fl-omelija għall-okkazzjoni fisser b'mod verament sabiħ kif Alla dejjem hemm preżenti magħna u jgħinna fid-diffikultajiet li jinqalgħu minn mument għall-ieħor, ilkoll ħafna drabi b'kaġun tal-istess natura tax-xogħol.

Temm din ir-riflessjoni lil dawk preżenti, kollegi, ħbieb u sorijiet mill-istess komunita` fejn saret il-quddiesa b'tennija li għandna nqisu dan il-mument bħala mument speċjali, ta' grazzja mogħtija lilu għall-fatt li għalaq dan il-kapitlu fil-milja tiegħu, b'sodisfazzjon.

Nawguraw lil dan il-kollega tagħna, kif ukoll lil dawk kollha li kellhom ix-xorti jservu u jagħtu servizz hekk twil u sabiħ lil pajjiżna. Qabel xejn ngħid prosit ukoll lis-Surġent Jean Pierre Mifsud għall-idea u l-inizzjattiva li ħa għal din l-okkażżjoni.

joseph.q.borg@gov.mt

# Advert

# Evalwazzjoni ta' Schengen tal-fruntieri tal-ajru - Malta, Frar 2012

mill-Assistent Kummissarju Andrew Seychell – Special Branch

Forsi ftit hawn min hu konxju, wara x-xogħol kbir li kien sar biex Malta saret parti miż-Żona Schengen, mill-21 ta' Diċembru 2007, speċjalment fejn jikkonċerna x-xogħol tal-Pulizija. Dan ma kienx ifisser it-tmien ta' kontrolli u evalwazzjonijiet fuq diversi suġġetti li jolqtuna direttament. Din il-għaliex aħna kontinwament irridu nassiguraw illi il-provedimenti ta' dak li nsejħulu ix-Schengen Acquis, ikunu qed jiġu nterpretati u proċessati kif suppost.

Filfatt din is-sena nistgħu ngħidu li beda t-tieni perjodu ta' evalwazzjoni li jrid ikopri l-fruntieri tal-ajru, il-fruntieri tal-baħar, il-ko-operazzjoni tal-Pulizija u s-SIS/Sirene. Jinkludi ukoll evalwazzjoni ta' materja fuq viżi li jieħu ħsiebu l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Protezzjoni ta' Data li għalkemm aħna nvoluti jkun il-Kummissarju tal-Protezzjoni ta' Data li jrid ikun responsabbli.



Fil-11 ta' Frar ta' din is-sena, tnax-il uffiċjal minn diversi stati membri, mis-Segretarjat Ġenerali u mill-Kummissjoni Ewropeja, ġew Malta biex jevalwaw il-proċessi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, it-tħaddim tal-infrastruttura li hija meħtieġa skond regoli tal-UE, kif ukoll biex jeżaminaw kull proċess li jsir fl-ajruport, kemm mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni kif ukoll minn awtoritajiet oħra fl-ajruport.

Nista` minn quddiem nikkonferma, illi evalwazzjoni bħal din m'hix xi ħaġa faċli u biżżejjed ngħidilkom illi biex inkunu ċerti minn dak kollu li riedna niċċekkjaw, lestejt check list ta' mhux anqas min għoxrin faċċata, li fiha kien inkluż dak li kellu jsir mhux biss mill-Pulizija, iżda anke mill-Armata li hi responsabbli mis-sigurta` fuq in-naħa tar-runways fl-ajruport, id-Dwana li hija responsabbli mill-moviment ta' oġġetti, l-Uffiċċju tal-Manager tas-Sigurta` tal-Ajruport, l-operaturi tal-Ajruport, diversi sezzjonijiet tal-Pulizija li jagħmlu xogħol fl-ajruport u entitajiet oħra. Id-dokumentazzjoni preparata kienet ta' ammont konsiderevoli u barra minn hekk, ix-xogħol li għamlu l-Pulizija kien vast. Hawnhekk nixtieq insellem u nirringrazzja lill-Uffiċjali tal-Pulizija u pajzana li jaħdmu fl-ajruport għal mod li bih ippreparaw lilhom infushom, b'mod speċjali lis-Surġenti tal-Immigrazzjoni, għas-sehem siewi li taw u għall-interess kbir u serju li wrew sa minn xhur qabel ma' beda dan il-proċess.



Waqt li saru l-ewwel laqgħat fit-12 ta' Frar, l-evalwazzjoni ħadet ġurnata sħiħa fl-ajruport fit-13 ta' Frar, fejn kull 'uffiċjal evalwatur' kellu xogħol speċifiku x'jagħmel u jkopri. Fl-istess jum, tard filgħaxija, it-team kompla biex beda jgħaqqad ir-rapport tiegħu, waqt illi l-Pulizija kellha tkun preżenti f'xi ħinijiet biex twieġeb għal domandi li sarulha in konnessjoni max-xogħol fil-fruntieri tal-ajruport. Dan ir-rapport kompla biex jinġabar l-għada filgħodu fejn għal darb'oħra, il-Pulizija kienet preżenti biex tassisti lit-team f'dak li kellhom bżonn jiċċaraw. It-

tim ta' evalwaturi telaq fl-14 ta' Frar. Ir- rapport ried ikun konkluż u ġie ippreżentat lid-delegati fuq il-Kumitat tax-Schengen Evaluation, fis-16 ta' Marzu, fejn dan jitqiegħed fuq il-mejda għall-approvazzjoni. Sintendi dan ma jkunx it-tmiem il-għaliex dejjem ikun hemm follow-up action, illi jiena bħala delegat fuq dan il-kumitat irrid nieħu ħsieb li jsir u nirraporta fuqu, f'laqgħat li jiġu wara. Iżda jidher ċar illi r-riżultat huwa dak li aħna xtaqna.

Fejn ser imorru minn hawn? Din ta' fuq kienet biss l-ewwel evalwazzjoni, iżda bħalissa qegħdin naħdmu bis-sħiħ, peress li bejn it-28 u it-30 ta' Marzu saret l-evalwazzjoni fuq il-ko-operazzjoni tal-Pulizija. Din ukoll kienet tirrikjedi ħafna xogħol, u nittamaw illi l-għaxar evalwaturi li kienu Malta, kienu sodisfatti mix-xogħol fejjiedi li jsir mhux biss mis-sezzjoni tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li tinkludi l-Interpol, il-Europol u s-Sirene, imma anke minn kull sezzjoni speċjalizzata tal-Pulizija kif ukoll il-Pulizija tad-Distrett, li darba jew oħra jagħtu s-sehem tagħhom biex il-ko-operazzjoni mistennija minn pajjiżi Ewropew (u internazzjonali) tiġi mogħtija.

Wara din, għal nofs Settembru, ikollna evalwazzjoni tal-fruntieri marittmi, u hawn barra l-Pulizija, hemm ukoll il-Forzi Armati ta' Malta li jagħtu sehem qawwi, peress li huma responsabbli mill-kontroll tal-ibħra tagħna, bil-mezzi tal-baħar u tal-ajru li għandhom. F'dan ir-rigward il-koperazzjoni tagħna hija dejjem mill-aħjar kif hija ukoll mad-Dwana li jkunu nvoluti wkoll. L-aħħar evalwazzjoni tkun fil-bidu tas-sena d-dieħla meta ssir dik tal-SIS u Sirene, iżda fuq dan nittama li jkolli opportunita` oħra illi nagħti aktar dettalji, f'artiklu ieħor.

andrew.seychell@gov.mt

Advert

# *Bike Rides* organizzati mis-Sezzjoni Sport





*"Bike ride"*....... tnejn f'qasir żmien u oħra ser tiġi organizzata dalwaqt pero din id-darba filgħaxija....

Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija, b'membri dedikati li jridu jagħtu ħajja sportiva lill-Korp tal-Pulizija, u b'insistenza ta' ċerti membri fil-Korp għal din l-attivita' popolari, nieda t-tieni "Bike Ride" li kienet miftuħa għall- membri tal-Korp u l-qraba viċini.

L-ewwel *"ride"* inzertat li l-avviż tagħha kien f'qasir żmien u l-messaġġ ma wasalx għand kulħadd u kienet "ride"oħra organizzata privatament minn dilettanti oħra tal-mutur. Bla dubju, il-Kumitat mhux qiegħed jinħeba mill-fatt li n-nuqqas t'esperjenza f'dawn l-attivitajiet wasslet biex ħafna membri ma kinux infurmati. Għalhekk tnidet it-tieni *"ride"* nhar il-25 ta' Mejju 2012. Din id-darba, għalkemm kien hemm xi nuqqasijiet ġodda, l-messaġġ anki jekk konxji li reġa ma wasalx għand kulħadd, il-konkorrenza kienet waħda ta' kuraġġ għal attivitajiet futuri.

Il-Kumitat Sportiv, b'inizzjattiva diretta ta' PS 46 Charlo Casha, PC 121 Josef Vassallo u PC 1250 Paul Saliba, flimkien ma' membri oħra tal-Korp, li għandhom ċertu esperjenza tad-delizzju sportiv tal-muturi, ħareġ "poster" li tqassam fl-Għases kollha ta' Malta u anki bl-għajnuna ta' wħud mill-Maġġuri li jagħmlu d-detail, il-messaġġ nistgħu ngħidu li ntenzjonalment kien li jrid jasal għand kull membru. Mir-rispons li ħareġ waqt u wara l-attivita', jidher li ma wasalx għand kulħadd jew wasal tard.

Nhar il-25 ta' Mejju 2012, f'ġurnata xemx tiżreġ, id-dilettanti tal-muturi nġabru fil-Furjana minn kmieni filgħodu. Wara li kulħadd kien miġbur, inbdiet ir-"ride" fejn mill-Furjana ħaditna sat-tarf l-ieħor ta' Malta, il-Mellieħa. Sewqan bil-galbu u trankwill tas-Sibt filgħodu, tat sodisafazzjon pjaċevoli lis-sewwieqa. Mill-Mellieħa, wara tazza te / kafe u toast li ma naqasx, is-sewwieqa saqu lejn Wied iż-Żurrieq b'differenza li ntużaw toroq rurali u għamilha iżjed faċli għas-sewwieqa li jieħdu s-sodisfazzjon tas-sewqan tal-mutur tagħhom mingħajr tant waqfien. Ġewwa Wied iż-Żurrieq, kemm bl-arja pura u l-arja tal-baħar donnu li s-sewwieqa kienu fl-aptit tagħhom għax għażlu li jippranzaw f'wieħed mill-ħwienet ta' l-akwata li ma kinetx waħda programmata u l-anqas mistennija.

Żgur u mhux forsi, kien nofs ta' nhar fejn diversi membri fil-Korp tal-Pulizija, b'delizzju komuni bejniethom, iltaqgħu flimkien b'mod soċjevoli 'l bogħod mill-ħidma ta' kulljum u qasmu l-idejat tagħhom kemm fuq id-delizzju kif ukoll, bla dubju, kif din il-familja ta' *"bikers"* li żgur u mhux forsi, faċilment, ser tikber fin-numru tagħha fil-futur qarib.

Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija għandu għan wieħed fil-qadi tad-doveri tiegħu, illi ikattar aktar dixxiplini sportivi varji sabiex kemm jista jkun jolqot il-gosti tal-maġġoranza tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Imma sabiex dan jitwettaq, żgur u mhux forsi, l-Kumitat huwa konxju li għandu jkun hemm is-sehem ta'





kulħadd. X'jiġifieri? Is-sehem jista' jkun wieħed fiżiku kif ukoll materjali. Nafu u konxji mill-fatt li huwa mpossibli li kulħadd jattendi għall-attivitajiet kollha li jsiru minħabba li l-ewwel sehem tagħna huma d-doveri lejn l-Istat, imma b'inizjattiva, suġġerimenti u parteċipazzjoni żgur li kulħadd huwa kkunsidrat li jkun qiegħed jagħti is-sehem tiegħu u din isservi sabiex il-Kumitat jkollu aktar idejat ċari, friski u jipprova jagħmel dak li jista' sabiex jissodisfa lil kull membru fil-Korp.

Għalkemm din kienet attivita' diretta lill-"bikers" fi ħdan il-Korp, ma żżomm xejn lil kull membru ieħor li jattendi għal dawn l-attivitajiet għax l-għan ewlieni tagħna huwa li niltaqgħu b'mod soċjevoli u naqsmu l-idejat u l-ħsibijiet sabiex l-Isports fil-Korp tal-Pulizija jkun l-objettiv/i ta' ħbiberija, għaqda u saħħa.

mpsc.police@gov.mt

mill-Ispettur Saviour Baldacchino - 6 PD



# L-immaniġġjar tal-Isplużiv

minn PC 87 George Galea – Special Branch

ritratti meħudin waqt kors ta' taħriġ *Advanced in Explosive Technology*

F'din il-paġna ħa nitkellem fuq l-importanza tal-immaniġġjar u sigurta` waqt it-trasport tal-isplużiv kemm għall-isplużiv li jintuża fl-industrija tal-barrieri kif ukoll dak li jintuża għall-logħob tan-nar, kemm dak tal-art kif ukoll dak tal-ajru. Dan huwa ta' tali importanza li l-immaniġġjar u t-trasport issir kif suppost u b'riskju minimu kemm għal min ikun qed iġorru, għan-nies tal-madwar u l-propjeta` ta' terzi.

It-trasport huwa punt kruċjali fil-ħajja tal-isplużiv speċjalment tal-logħob tan-nar. Aħna għadna l-unika pajjiż fl-Ewropa fejn nittrasportaw l-*ammonium nitrate* li jkun imħallat diġa` bil-fuels b'vetturi li ma ġewx mibnija apposta għal dan ix-xogħol u fl-istess vettura ikun hemm kemm *detonating cord u detonators* mogħbijin flimkien fl-istess vettura.

F'Malta għanda l-użanza ukoll li nġorru logħob tan-nar kemm tal-art kif ukoll tal-ajru fl-istess sitwazzjoni f'vetturi li mhumiex attrezzati għall-ġar ta' splużiv iżda li kienu ġew mibnija għall-għanjiet oħra.

Dawn il-vetturi suppost ikunu immarkati b'tabella kwadra ta' kulur oranġo li jkolla miktub EXP 1.1.

Dan kollu qed niktbu peress li fix-xogħol tagħna tal-Pulizija nistgħu niltaqgħu ma' dawn it-tip ta' vetturi fit-toroq u rridu noqgħodu attenti ħafna kif nawiċinawhom peress li fuqna ikollna *radios u telephones* ċellulari li dawn jaħdmu bil-*waves* elettroniċi. Dawn faċilment jistgħu jagħtu bidu għal difusjoni tad-*detonator*. Dan jgħodd ukoll għal meta xi vettura li tkun qed iġorr xi tip ta' splużiv tkun involuta f'xi tip ta' inċident tat-traffiku. Xogħolna għandu jkun li nevakwaw lin-nies u nżommu n-nies f'distanzi minn dawn il-vetturi. Ħadd m'għandu jibqa` ħdejn il-vetturi. Dan peress li huwa xjentifikament ippruvat li l-aktar li jmutu nies bl-isplużiv huwa waqt inċidenti tat-traffiku minn dawk n-nies li jieqfu jew ikunu viċin il-vettura li tkun qed iġorr l-isplużiv. Dan għaliex l-isplużiv jista' jiffjuża ruħu minn ħin għall-ieħor speċjalment jekk jiġi in kuntatt jew mal-elettriku jew mal-*gear oil* jew mal-aċtu tal-batteriji.

Dan qed ngħidu biex inkunu kawti meta niltaqgħu ma' dawn it-tip ta' vetturi jew sitwazzjonijiet. Ma ninsewx li l-isplużjoni sseħħ meta materjali jew gassijiet jew likwidi li jitħalltu jew jagħmlu reazzjoni kimika jew inkella jiġu taħt stress ta' sħana jew ta' *detoration* jirrejaġixxu u jinfurmaw splużjoni. Dan jgħodd ukoll għall-vetturi li jġorru l-kimika.









magazine.police@gov.mt

# Is-Salib u n-Nies tad-Dejma

mis-Surgent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali

Nibda biex ngħid li dan l-artiklu fuq is-Salib u l-korp tad-Dejma jorbot ħafna ma' wieħed mill-artikli preċedenti dwar l-istorja ta' pajjiżna f'din l-istess sensiela bit-titlu 'Is-Serqa mill-Armerija ta' Ħal Qormi'. Fih kont semmejt il-Milizja u r-Reġimenti tal-irħula li kien hawn sabiex jiddeffendu l-gżejjer tagħna fi żminijiet medjevali sa l-aħħar żminijiet mill-ħakma tal-Ordni.

Għaż-żminijiet li qed insemmu l-attakki mill-furbani kienu xi ħaġa komuni għal gżiritna. Dawn mhux biss kienu jaqbdu xi xwieni jew dgħajjes, imma kienu wkoll jinżlu f'xi xatt, joqtlu lill kull min jiqfilhom u jisirqu dak kollu li jgħodd għalihom; saħansitra jaħtfu ħafna nies u jkaxxkruhom magħhom bħala lsira. Għalhekk il-Maltin, lejn tmiem is-seklu 14, kellhom iwaqqfu ġemgħa ta' suldati biex jiddefendu lil artna magħrufa bħala d-Dejma.



Malta gżira żgħira u miftuħa għall-attakki tal-għadu, għalhekk kellha bżonn sistema ta' difiża kontinwa. Fl-istess ħin ma setatx tidħol għal piż li tħallas numru kbir ta' suldati biex kontinwament joqgħodu jistennew għalli jista' jinqala'. Is-soluzzjoni kienet id-Dejma. B'hekk l-irġiel ta' bejn it-18 u s-60 sena kienu obbligati jagħtu sehemhom b'żewġ xorta ta' dmirijiet; billi jgħassu max-xtut meta jkun imisshom u li jiddefendu jekk l-għadu jinżel l-art. F'dan il-każ id-Dejma kienet topera bħala armata u mhux bħala korp ta' għassiesa. Kull reġiment kellu strixxa mill-kosta xi jħares biex jipprojbixxi lill-għadu milli jniżżel is-suldati u t-truppi tiegħu l-art. Biex ngħidu kollox, din tal-għassa max-xtut xejn ma kienet tintgħoġob mill-Maltin; kienu jsibuha wisq bi tqila li jħallu djarhom u l-familji tagħhom biex jgħaddu l-iljieli max-xatt f'xi post diżabitat. Kienu ferm aktar mistkerha l-postijiet ħdejn il-baħar, fejn il-periklu li jaqgħu lsiera kien akbar.

Dmir ieħor ma' li semmejna kien it-taħriġ li kienu jingħataw kif jimmaniġjaw l-armi u jisparaw tajjeb, kif jistaħbew wara l-ħitan tas-sejjieħ u joħorġu minn warajhom b'ċertu ordni, sabiex jissorprendu u jiffaċċjaw l-għadu. Kienu jittieħdu wkoll fuq ix-xtut biex jidraw il-postijiet fejn kien ikun pjanat li jiġu stazzjonati f'każ ta' attakk. Dawn l-għassiesa u suldati tar-reġimenti kienu jitħallsu bejn żewġ skudi jew skud u nofs fix-xahar.

Dawn kienu maqsumin f'diversi reġimenti li kienu r-reġiment ta' Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, in-Naxxar, iż-Żejtun u Ħal Luqa li miegħu kien jiġbor ukoll l-irħula tal-Gudja, iż-Żurrieq, Ħal Safi, l-Imqabba, il-Qrendi u Ħal Kirkop. Id-difiża ta' pajjiżna kienet f'idejhom; korp militari magħmul minn ħaddiema. Wara jum xogħol fir-raba' jew qalb il-bhejjem minflok ma' jmorru jinġabru fi djarhom jew fl-għorfa, kien ikollhom iħallu darhom, meta kien imisshom biex jagħmlu l-għassa fix-xtut. Meta kien ikun hemm xi sinjal li l-għadu bħal ma' kienu l-furbani tal-baħar qed joqrob lejn xtutna, dawn kellhom d-dmir li jibgħatu messaġġi permezz tal-ħġejjeġ li kienu jqabbdu fuq it-torrijiet tal-għasses li kienu mqassmin minn post għal ieħor, matul ix-xtajtiet sa mal-messaġġ kien jasal l-Imdina fejn kien ikun hemm is-suldati mħarrġin biex jiġġieldu l-għadu.

**Minn kitbiet tal-istorja ta' Giacomo Bosio fuq l-Ordni joħorġu aktar dettalji dwar dan il-korp tad-Dejma.**

L-armata kienet tkun maqsuma f'għadd ta' ġemgħat daqs kemm kien hemm parroċċi jew irħula dak iż-żmien; armati bi stallett u sejf fuqhom, ilkoll bil-leħja u mimlijin, ilbies tagħhom kien ikun geżwira tasal sa rkopptejhom, miksija kisja kkuttunata bil-qoton ta' Malta. Rashom mgħottija bi brieret, muntieri li jostrulhom rashom sewwa. Kienu jħallu xagħarhom twil u jobormuh u jgerbuh taħt il-muntiera. Ix-

xagħar hekk mibrum kienu jgħidulu 'id-dliel'. Dawk li jriduha kienu jidilku dlielhom biż-żejt. Minn hekk jingħad li beda l-għidud idjomatiku "ħoll xagħrek (dlielek) u ġib iż-żejt". Kienu jilbsu wkoll misluta f'waħda mill-widnejn.

Dawn il-ħaddiema kull nhar ta' Ħadd kienu jinġabru f'post biex jitħarrġu u biex ikollom l-aħħar aħbarijiet kif ukoll ir-*roster* sabiex ikunu jafu meta kien imisshom jagħmlu l-għassa.

Il-post fejn jiltaqgħu propju kien ħdejn is-salib li kien jinsab fit-tarf jew fiċ-ċentru tal-irhula. Kien minħabba f'hekk li dawn is-slaleb bdew jissejħu tad-Dejma.



L-aktar li konna nsibu minnhom huma fl-irħula l-qodma u fl-aktar parti qadima tar-raħal; oħrajn fit-tarf tar-raħal bħal dak fil-limiti ta' Birkirkara (illum jiġi quddiem l-Isptar Mater Dei) li għandu storja makabra marbuta miegħu. Minn wara din il-ġrajja ta' qtil, dan is-salib kien beda jiġi magħruf bħala 'is-salib ta' rajt ma rajtx u smajt ma smajtx'. Is-salib ifakkarna f'din l-istorja li twaħħded miegħu; tgħallimna sabiex noqgħodu attenti ma' min ngħidu dak li nkunu rajna, għax jaf ikun il-persuna żbaljata u sintendi l-konsegwenzi ma tkunx taf sa fejn jistgħu jaslu; saħansitra jistgħu jsiru traġiċi bħal ta' din l-istorja li tal-inqas minnha ħareġ proverbju ieħor Malti mal-lista għat-twissijiet tagħna.

## Għalxiex kienu twaqqfu s-Slaleb fl-irħula propju ?

Prinċipalment dawn is-slaleb kienu twaqqfu sabiex juru jew jirrappreżentaw knejjes jew kappelli li jkunu ġew profonati jew dekonsagrati; oħrajn jimmarkaw territorju, jiġifieri firxa ta' art li taqa' taħt l-awtorita' tat-tali Gran Mastru, firxa oħra taħt l-Isqof, jew ukoll taħt l-Universita' tal-Imdina. Slaleb oħra jirrakkontaw storja jew xi leġġenda u oħrajn għal xi devozzjoni partikulari. Barra dan kienu jservu wkoll bħala punt ta' għarfien (landmark) għal xi post partikulari. In-nies ta' dawk iż-żminijiet kollha kienu jkunu jafu fejn jinsabu dawn is-slaleb; u meta kienu jkunu għaddejjin minn magħhom kienu jselmu lil dan is-simbolu tar-reliġjon tagħhom, billi jneħħu l-beritta, jagħmlu nkin jew ibusu b'idejhom bħala sinjal ta' qima. X'uħud minn dawn is-slaleb kellhom ukoll marbutin magħhom l-indulġenzi għal min jgħid xi talb quddiemhom.

Ċertu rħula f'xi żmien matul is-sena, kienu wkoll iżejnu dawn is-slaleb bid-damask aħmar, fjuri, tazzi u fanali jixgħelu biż-żejt, waqt li kienet issir purċissjoni lejn is-salib b'talb sabiex is-sena agrarja tispiċċalhom b'suċċess.

## Il-Lista tad-Dejma

Il-milizzja kienet tiġbor fiha nies minn kull qasam tal-ħajja; Lhud u Insara, bdiewa, bejjiegħa tal-ħwienet, nies tas-sena, nutara, sidien tal-għelieqi u sidien fewdali. Kont issib ukoll imniżżel fil-lista l-irġiel li kellhom iż-żwiemel tagħhom fil-milizzja; eżempju bl-akbar numru ta' rġiel fil-milizzja li kellhom żiemel kien f'Ħal Qormi bi ħmistax-il żiemel u l-inqas fl-Imqabba u Ħal Safi b'żiemel wieħed. Mill-għadd ta' nies ingaġġati fil-milizzja wieħed kien jikkalkula r-residenti li kienu jgħixu f'kull raħal jew belt.

F'dawn il-listi tal-Milizzja tinsab lista bl-ismijiet Lhud; minħabba li f'dawk iż-żminijiet f'Malta kien hawn komunita' Lhudija tgħix fil-gżejjer tagħna. Il-Lhud kienu tkeċċew minn Malta fl-1492, allura l-lista kienet ta' żmien qabel l-1492.

Din il-lista tad-Dejma tinsab arkivata ġewwa l-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, minnhom joħorġu ħafna osservazzjonijiet interessanti; bl-eqdem waħda tmur lura għas-sena 1419-20. Dawn il-listi huma tassew sors importanti ħafna għall-istorja ta' pajjiżna u għal diversi raġunijiet. Minnhom joħroġ tagħrif dwar kif kienet imqassma l-popolazzjoni Maltija f'dawk iż-żminijiet, li diġa` għamilt referenza għalihom, ċertu mobbilita' minn post għall-ieħor, l-ismijiet tan-nies u l-postijiet li ħafna minnhom inbidlu kompletament, ma' ħafna u ħafna informazzjoni oħra interessanti li qajla illum-il ġurnata nifhmu minn x'hiex l-antenati tagħna kellhom jgħaddu; dawk iż-żminijiet hekk diffiċli u ta' qtigħ il-qalb, li fl-aħħar mill-aħħar sarfu sabiex issawret biċċa oħra min-nisġa tal-karattru u l-identita' Maltija.

joseph.q.borg@gov.mt

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

# International Police Association

Dear IPA Members,

As we have been informing you for the past months now, April was a very important month for us as IPA Malta, since after nineteen years from the first IPA Mediterranean regional meeting held in Rome in 1994, on the 27th April, IPA Malta managed to host this meeting for our Mediterranean colleagues. When the first discussions within the NEC took place in September 2009, at first this activity seemed rather impossible, due to its financial implications. However after a power point presentation was presented to the Hon. Minister Dr. Chris Said Minister for Justice, Dialogue and the Family, he accepted to help us financially. As if the Mediterranean meeting was not enough, the NEC decided that conjointly with the meeting, the 1st. IPA Mediterranean Regional shooting completion – Malta 2012 be organised. Following this decision the NEC was split in two, half working on the shooting completion while the other half concentrated on the meeting. During the NEC meetings both groups exchanged information and updated each other for better co-ordination. We are pleased to say that after months of hard work and planning, the end result was more than we expected, since all visiting colleagues had words of praise for our Section for the way we have organised both activities.



Presentation by the Hon. Minister Dr. Chris Said to IPA Malta Section 9-4-2012

**Highlights of the two events:** On the 9th April, the national president Dione Bugeja accompanied by Romeo and Joe met the Hon. Minister Dr. Chris Said at his office and on behalf of the government IPA Malta was presented with a cheque as financial aid, to make good for most of the expenses to host and organise the 14th IPA Mediterranean Regional Meeting Malta 2012.

**The Shooting Competition:** On Wednesday 25th April the eight foreign competitors from Spain, Cyprus, Israel and Ireland were welcomed at the airport and transferred to the Phoenicia Hotel. In the evening together with the two Maltese competitors, the group was welcomed at the Knight's room, by the National President Dione Bugeja after which a detailed briefing about the competition rules and tactics followed. Dinner was later served at the Phoenix restaurant in the company of three sub-committee members.

The following day Thursday 26th, after breakfast the shooting competitors were transferred to Ta'Kandja Police firing range, where during the morning session shooting practise took place. After the mid-day break the 'individual competition' started, ending round about 16.00hrs.



IPA 1st Mediterranean Regional Shooting Competition – Malta 2012 – 26th April

In the meantime at the Phoenicia hotel during the day the Mediterranean regional meeting delegates started arriving at different intervals and by late afternoon nearly all our friends had checked-in after being picked up from the airport. Also during the day the Maryanski Porch was being set up for the meeting. At 19.30hrs all the delegates attended for a welcome drink at the A lounge, where they were welcomed by Dione Bugeja and members of the NEC. As part of the welcome brief, information about the hotel surrounding area was also given, indicating places of interest to visit within Valletta. After the exchange of greetings and welcoming of new delegates, attending this meeting for the first time, about 20.15hrs Dione lead the group to the Phoenix restaurant for a plated dinner.

**The 14th IPA Mediterranean regional meeting:** On Friday 27th by 05.30 members of the NEC were already at the hotel, checking and adding the final touches to the meeting hall. Round about 08.00 delegated started grouping up near the meeting room including the Hon. Dr. Beppe Fenech Adami and the Hon. Minister Dr. Chris Said.

After taking the official photograph, Dione Bugeja welcomed the VIP's including Assistant Commissioner Mr. Lawrence Cauchi and the delegates. At the end of the welcome speeches all present were invited to stand up for the IPA and the Maltese national anthems.

As the meeting started chaired by our National President who was assisted



A prayer before starting the meeting 27th April 2012

by the PEB 3rd Vice President Gal Sharon, the National Secretary General Romeo Micallef and meeting secretary Fr. Ray Bonnici, it was soon felt that a very good sense of understanding and co-operation prevailed.

Although there were quite a number of proposal added to the agenda, these were discussed in harmony and a general consensus was reached nearly on every proposal or motion.

When the agenda item 'PEB elections 2012', was put forward by the Swiss Section, a very healthy discussion followed and once again in a friendly atmosphere a team of candidates were proposed for the next PEB elections and accepted by all present. Close to 14.00hrs the meeting came to an end followed by a stand up buffet lunch at the Rotunda - Phoenicia hotel.



While the meeting was in progress, at the other side of the Island, at ta' Kandja, the teams shooting competition was taking place coming to an end round about 13.00hrs.

At 15.30hrs both groups were joined together at the hotel for a tour to Mosta Church, Mdina and Rabat back to the hotel along the Coast Road through St. Julian's and Sliema.

After returning to the hotel, all our foreign guests together with the NEC, local IPA members and VIP's attending the morning ceremony, participated for the Official Dinner at the Ballroom. Music during the evening was provided by Benny and Antonia, a local folklore duo. Half way through the evening, the shooting competition trophies and medals were presented to the winners by our National President Dione Bugeja, after the results were announced by sub-committee member Patrick Cassar as follows.

**Individual event:** 1st. Dhan Shlomo (Israel) 354 points: 2nd Gabriel Gabriel (Cyprus) 342 points and 3rd. Bonallo Juan (Spain) 318 points.

**Team event:** 1st Gabriel Gabriel and Vangelis Evangelou (Cyprus) -65.22 points: 2nd Dhan Shlomo and Merhavi Ronen (Israel) -52.89 and 3rd Robert Attard and Mario Spiteri (Malta) -28.28.

Following the success of the 'shooting competition Malta 2012', the NEC would like to thank the competition sub-committee, Patrick, Lino and Joe Borda for the way they have handled this event. Our thanks goes also to our sponsors Trigger Sporting Guns & Accessories of Zebbug - Quantum Precision Engineering & Sport Shooting Supplies of Paola and Lock, Stock & Barrel Fine Arms & Militaria of Kappara. Thanks also to Mr. John Cassar the Score Judge and Chris Stafrace for helping the Section to set up the competition programme. Last but not least our thanks go to Mr. John Rizzo for the shooting range, Supt Marco Mallia SAG and his staff.

As a result of the success of these two functions the NEC received numerous comments and congratulations messages however a particular one was, *'Dear Dione the members of the IPA Malta Section are the friendliest people I have ever had the pleasure to meet'.* Section Ireland




IPA 14th Mediterranean Regional Meeting Malta 2012

On concluding the National President would like to thank all NEC members and members for their help to achieve this success for our Section.

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

# Konferenza Generali Annwali 2012

Nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju, 2012 numru sabiħ ta' membri attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali. Mal-wasla tagħhom fl-Uffiċċju l-Marsa, il-membri kienu mistiedna għall-kafè u l-okkażjoni serviet ukoll ta' opportunità li wieħed jiltaqa' flimkien b'mod informali. Il-laqgħa bdiet fil-ħin kif programmat fl-10.00a.m. għax kien hemm kworum b'attendenza tajba.

Il-President, is-sur Charles Curmi sellem lil dawk preżenti u għamel talba tal-bidu. Minnufih talab minuta silenzju b'rispett għall-kollegi u familjari li għaddew għall-ħajja oħra matul is-sena. Is-Sur Curmi rringrazzja lil kulħadd talli attenda u ħeġġeġ għal aktar parteċipazzjoni fl-attivitajiet li jsiru kif ukoll biex wieħed jieħu ħsieb iġedded is-sħubija tiegħu fl-Għaqda. Imbagħad stieden lis-Segretarju, is-Sur Ray Zammit sabiex jaqra l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-2011 li saret fis-26 ta' Ġunju. Mill-qari tal-minuti rriżulta li dik il-Laqgħa Ġenerali kienet tikkonċentra l-aktar dwar l-emendi tal-Istatut tal-Għaqda flimkien mas-solitu rapport amministrattiv u finanzjarju. Il-minuti nqraw u ġew approvati.

Wara sar il-qari tar-rapport finanzjarju preparat u moqri mit-Teżorier is-Sur Toni Gatt kif ukoll ir-rapport tar-reviżuri. Dawn ukoll ġew approvati. Is-Sur Gatt ġibed l-attenzjoni għal dawk li għadhom ma ġeddewx it-tessera tagħhom għas-sena kurrenti kif ukoll ta' oħrajn li qegħdin lura fil-ħlas. Kien hemm xi membri li staqsew għaliex ma jsirx xi ħaġa biex il-ħlas tas-sħubija jkun aktar komdu, mingħajr il-ħtieġa li wieħed ikollu jattendi fl-Uffiċċju l-Marsa. Is-Sur Toni Gatt informa li l-Kunsill kien konxju minn din id-diffikultà ta' xi wħud u qal li kif wieħed kien se jisma' fir-rapport amministrattiv tas-Segretarju, ippruvajna nsibu soluzzjoni biex tgħin ittaffi xi ftit. Hu qal ukoll li l-ħlas bl-*internet* ġie kkunsidrat għali bil-kummissjoni li titħallas, però fakkar li wieħed jista' juża ċekk jew *postal order.*

Is-Segretarju s-Sur Ray Zammit qara' r-rapport Amministrattiv li kien pprepara. Dan ir-rapport kien approvat ukoll. Ir-rapport aċċenna





għal dak li kien ġie mistoqsi qabel dwar il-ħlas tat-tessera fejn ġie ddikjarat li l-Kunsill kien talab lill-Kummissarju permess sabiex għal ftit siegħat u ċerti ġranet fil-ġimgħa kien jattendi t-Teżorier fil-kamra biswit il-bieb prinċipali tad-Depot liema talba ġiet miċħuda. Ir-rapport fakkar ukoll li talba oħra kienet għall-kowċ tal-Pulizija għall-ġarr ta' dawk li jkunu se jattendu għal żjara f'Għawdex mill-Furjana saċ-Ċirkewwa u lura, liema talba kienet ukoll miċħuda. Is-Sur Zammit irrapporta wkoll li b'konsegwenza tal-emendi fl-Istatut tal-Għaqda kellu jinbidel ukoll l-*istandard* biex ikun jirrifletti t-tibdil fl-Istatut.

Hawn ġie introdott u muri l-*istandard* il-ġdid fost l-approvazzjoni ta' dawk preżenti. F'isem il-kumplament tal-membri tal-Kunsill u tal-membri kollha tal-Għaqda, is-Sur Zammit irringrazzja lis-Sur Joe Borda għall-koordinazzjoni tax-xogħol kollu meħtieġ biex sar l-*istandard* il-ġdid kif ukoll lill-President, is-Sur Charles Curmi, li għamel tajjeb għall-ispejjeż kollha.

Kien hemm diversi interventi minn dawk preżenti liema interventi kienu l-aktar jikkonċernaw il-Kawża Kostituzzjonali li l-Għaqda għandha pendenti kif ukoll dwar il-pendenzi li għad hemm dwar il-ħlas għall-*overtime.* Hawnhekk is-Segretarju stieden lill-kollega membru tal-Kunsill, is-sur Nikol Cutajar, sabiex jirrispondi hu dwar dawn iż-żewġ punti. Is-Sur Cutajar, fakkar li l-Għaqda kienet ippreparat formula fejn kull membru tal-Għaqda li kien jidhirlu li kellu xi *overtime* dovut biex jimlieha u jerġa' jgħaddhielna. Il-formoli miġbura kienu għaddew lill-Ministeru biex jiġu kkunsidrati flimkien mat-talbiet ta' diversi membri tal-Korp. Din il-kwistjoni qed tkun ikkunsidrata flimkiem fir-rigward tal-membri kemm tal-Korp kif ukoll tal-Għaqda u s'issa għadna qed nistennew tweġiba uffiċjali. Dwar il-Kawża Kostituzzjonali, is-Sur Cutajar ta rendikont dettaljat dwar dak kollu li sar s'issa u tax-xogħol li hu personali kien għamel f'isem il-membri. Spjega kif flimkien mal-Avukat tagħna Dr A. Delia LLD

qegħdin kontinwament insegwu u nattendu għas-seduti fil-Qorti. Hu fakkar ukoll li l-kawża tinsab posposta għall-kontinwazzjoni fil-25 ta' Ottubru, 2012. Is-Segretarju s-Sur Ray Zammit f'isem il-Kunsill u l-membri kollha tal-Għaqda wera apprezzament u rringrazzja lis-sur Cutajar għall-intervent kontinwu u siewi tiegħu fl-andament kollu tal-kawża fost l-approvazzjoni tal-membri biċ-ċapċip tagħhom.

Meta ma kienx baqa' aktar x'isir, il-laqgħa ġiet fi tmiemha.

Ray Zammit
Segretarju



## Bandiera Ġdida




Waqt laqgħa tal-Kunsill, ġie deċiż li peress li nbiddel l'isem tal-Għaqda, minn 'Għaqda Pulizija Pensjonanti', għal *'Malta Association of Retired Police Officers'*, ħassejna l-bżonn li issir bandiera ġdida, bl-arma l-ġdida.

Għalhekk, saru żewġ mudelli bil-kompjuter. Waħda minnhom saret bl-arma l-ġdida fuq sfond abjad u aħmar, u l-oħra fuq sfond blu, bħal dik tal-Pulizija ta' Malta. Saret votazzjoni fuq liema waħda kellha ssir u l-maġġoranza għażlu l-bandiera blu [voti..11 blu..1 bajda u ħamra]

Wara li ġibna xi kwotazzjonijiet ġie deċiż li l-bandiera għandha ssir mill-kumpanija *'Colomba Flag Makers'* ta' Għawdex.

Hawnhekk, il-President is-sur Charles Curmi, offra li l-bandiera tiġi mħallsa minnu stess. Bla ebda dubju, kulħadd aċċetta għal dan il-ġest hekk sabiħ!!

Grazzi għan-nom tal-Kumitat!!

## Ġurnata ġewwa il-Gżira ta' Għawdex

Fit-21 ta' April ġiet organizzata żjara oħra għal Għawdex. Bħas-soltu, din iż-żjara kienet suċċess. Għalhekk hemm il-ħsieb li dawn l-attivitajiet isiru aktar spiss!

## M.A.R.P.O. fuq il-Facebook

Għal min hu nteressat, issa tistgħu ssibuna ukoll fuq il-*Facebook* billi tmur fuq dan il-link …

**https://www.facebook.com/groups/169033156537654/**

Kull min għandu aċċess għall-*Internet,* huwa mħeġġeġ biex iżur is-sit u jidħol membru !!

## Mill-Imgħoddi



Illum għandna ritratt interessanti. F'dan ir-ritratt, wieħed jista jara' Spettur, Surġent - Maġġur, Surġent u Kuntistabbli. Wieħed jista jara' li kemm is-Surġent u kemm il-kuntistabbli libsin il-*'Greatcoat.'* Dan il-*Greatcoat* ma tanx kien favorit mall-membri tal-Korp, u għalhekk ma tantx dam jintlibes. Wieħed jinnota li l-*coat* tas-Surġent huwa differenti minn tal-Kuntistabbli, fejn wieħed huwa bl-għonq u l-ieħor mingħajr għonq, imma speċi ta *'chinese collar'*!!

Wieħed jinnota l-elmu bħal dawk li kienu jintlibsu ġo l-Ingilterra, biex inkun eżatt mis-*City of London Police.* Dan l-istil ta' elmu kien jitlibes fis-snin tletin.



Ex. Pc 169
Emmanuel Cassar
1916 – 2012
1945 – 1972
(Gozo)



Ex. Wpc
251 Josianne Costa
1978 – 2012
2003 – 2012
(serving)



Ex. Pc 63 Saviour Attard
1939 – 2012
1964 – 1993
(Gozo)



Ex. Pc 907
Francis Aquilina
1935 – 2012
1954 – 1977



Ex. Pc 1117 Edwin Briffa
1934 – 2012
1959 – 1984



Ex. Pc 693
Joseph Lucchese
1949 – 2012
1968 – 1979



Ex. Pc 690
Saviour Muscat
1923 – 2012
1947 – 1967



Ex. Pc 1072 John Vella
1939 – 2012
1958 – 1980

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Ex. Ps 949 & 1483
Carmelo Calleja
Il-Kalif
1936 – 2012
1955 – 1980
& 1988 – 1997



Ex Wpc 13
Josephine Vassallo
1953 – 2012
1974 - 2004